

Brussell, 12 ta' Frar 2025
(OR. en)

6014/25

ENV 63
CLIMA 27
AGRI 46
ENER 21
TRANS 22
PROCIV 11

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 2 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) u d-Direttiva dwar l-Għargħar (2007/60/KE) It-tielet pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara It-tieni pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 2 final.

Mehmuż: COM(2025) 2 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.2.2025
COM(2025) 2 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) u d-Direttiva
dwar l-Għargħar (2007/60/KE)**

**It-tielet pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara
It-tieni pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar**

{SWD(2025) 13 final} - {SWD(2025) 14 final} - {SWD(2025) 15 final} -
{SWD(2025) 16 final} - {SWD(2025) 17 final} - {SWD(2025) 18 final} -
{SWD(2025) 19 final} - {SWD(2025) 20 final} - {SWD(2025) 21 final} -
{SWD(2025) 22 final} - {SWD(2025) 23 final} - {SWD(2025) 24 final} -
{SWD(2025) 25 final} - {SWD(2025) 26 final} - {SWD(2025) 27 final} -
{SWD(2025) 28 final} - {SWD(2025) 29 final} - {SWD(2025) 30 final} -
{SWD(2025) 31 final} - {SWD(2025) 32 final} - {SWD(2025) 33 final} -
{SWD(2025) 34 final} - {SWD(2025) 35 final}

1. INTRODUZZJONI

L-ilma huwa essenzjali għall-ħajja u għalhekk għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna. Madankollu, ir-riżorsi tal-ilma tal-UE għadhom taħt pressjoni kbira minħabba l-ġestjoni strutturali ħażina, l-użu insostenibbli tal-art, il-bidliet idromorfoloġiċi, it-tniġġis, it-tibdil fil-klima, iż-żieda fid-domanda għall-ilma u l-urbanizzazzjoni. Kif deskritt fil-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa¹, it-tibdil fil-klima qed jaggrava dawn il-pressjonijiet u jżid ir-riskji relatati mal-ilma fil-forma ta' nixfiet aktar frekwenti u persistenti u preċipitazzjoni estrema li jheddu s-sigurtà tal-ikel, is-saħħa pubblika, l-ekosistemi, l-infrastruttura u l-ekonomija tal-Ewropa. F'dawn l-aħħar xhur, l-Ewropa għal darb'oħra rat l-impatti sinifikanti ta' avvenimenti estremi relatati mal-ilma li kkawżaw it-telf taġiku tal-ħajja umana u ħafna biljuni ta' euro fi ħsara. Fl-2024, diversi pajjiżi tal-Mediterran esperjenzaw nixfiet persistenti, li affettwaw b'mod partikolari l-Italja ċentrali u tan-Nofsinhar, il-Majjistral ta' Spanja, u l-Greċja, u ġew segwiti minn għargħar qawwi li affettwaw l-biċċa l-kbira tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant, u aktar tard ukoll l-Italja u Spanja.

Il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, minquxa fid-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma² (WFD, Water Framework Directive) u d-Direttiva dwar l-Għargħar³ (FD, Floods Directive), hija fil-qalba tar-rispons għall-kriżi planetarja trippla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis. Din għandha rwol ċentrali fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE.

L-adozzjoni ta' dan ir-rapport ta' implimentazzjoni, obbligu legali tal-Kummissjoni⁴, qed isseħħ f'mument kruċjali, meta r-realizzazzjoni dwar l-importanza tal-ilma, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak globali, qed tiżdied fil-partijiet kollha tas-soċjetà. Maġġoranza kbira tal-popolazzjoni tal-UE li pparteċipat fl-aktar stħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru dwar l-ambjent⁵ iquisu t-tniġġis, il-konsum żejjed u t-tibdil fil-klima bħala t-theddid ewlieni għall-ilma u jappoġġaw miżuri addizzjonali tal-UE biex jiġu indirizzati l-problemi tal-ilma fl-Ewropa. Jaħsbu wkoll li kważi l-ebda wieħed mis-setturi ekonomiċi ewlenin mhu qed jagħmel biżżejjed biex juża l-ilma b'mod effiċjenti. Dan it-tħassib ġie rifless ukoll mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-partijiet ikkonċernati. Il-Parlament Ewropew appella għall-iżvilupp ta' Strateġija tal-UE dwar l-Ilma⁶. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni qed jappellaw għal "Patt Blu tal-UE"⁷. Fl-aġenda strateġika 2024–2029⁸, il-Kunsill Ewropew impenja ruħu li jsaħħaħ ir-"reżiljenza tal-ilma madwar l-Unjoni" fil-mandat li jmiss. Is-settur privat u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ukoll kienu qegħdin jitolbu dejjem aktar azzjoni ulterjuri fil-livell tal-UE dwar l-ilma kif muri mill-ittra indirizzata lill-ogħla

¹ EEA (2024), Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa. Nru 1/2024, <https://www.eea.europa.eu/publications/european-climate-risk-assessment>.

² Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

³ Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

⁴ Kif meħtieġ mill-Artikolu 18 tad-WFD u l-Artikolu 16 tal-FD.

⁵ <https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3173?etrans=mt>

⁶ Ir-riżoluzzjoni tal-PE tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (2022/2829 (RSP)) u d-dibattiti plenarji sussegwenti tal-PE.

⁷ L-Opinjoni Komprensiva tal-KESE "Sejħa għal Patt Blu tal-UE" CCMI/209 (25 ta' Ottubru 2023).

⁸ <https://www.consilium.europa.eu/mt/european-council/strategic-agenda-2024-2029/>

livell tal-Kummissjoni⁹. Fil-livell globali, il-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma ta' Marzu 2023 li matulha l-UE ppreżentat il-viżjoni tagħha għal dinja reżiljenti għall-ilma sal-2050, ipprovdiet momentum qawwi fil-livell internazzjonali.

B'reazzjoni għal dawn it-talbiet, il-Linji Gwida Politiċi 2024-2029 għall-Kulleġġ li jmiss ħabbru l-adozzjoni ta' **Strateġija Ewropea ġdida għar-Reżiljenza tal-Ilma** biex issaħħaħ is-sigurtà tal-ilma tal-Ewropa billi jiġu ppreservati l-kwalità u l-kwantità tal-ilma fl-UE u lil hinn minnha, issaħħaħ il-vantaġġ innovattiv kompetittiv tal-industrija tal-ilma tagħna, u tindirizza l-kawżi ewlenin tal-isfidi tal-ilma, inklużi t-tniġġis, it-telf tal-bijodiversità, u l-impatti tat-tibdil fil-klima.

Dan ir-rapport għandu l-għan li jwassal lill-Kunsill, lill-Parlament il-ġdid kif ukoll lill-istituzzjonijiet u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra tal-UE l-aħħar evidenza dwar l-istat tal-ilma, il-perssonijiet li jinsabu taħthom ir-riżorsi tal-ilma u l-miżuri tal-Istati Membri biex jintlaħqu l-oġettivi ambjentali stabbiliti f'dawn iż-żewġ Direttivi. Dan jipprovi mmappjar komprensiv tal-isfidi tal-ilma fl-UE li se jinforma l-iżvilupp tal-Istrateġija futura għar-Reżiljenza tal-Ilma.

Barra minn hekk, minħabba l-iskadenza tal-2027 stabbilita skont id-WFD biex jintlaħaq stat tajjeb għall-ilmijiet kollha tal-UE, dan ir-rapport jippreżenta opportunità unika biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni fil-prattika u jressaq rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom. L-istess japplika għall-oġettivi tal-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar skont l-FD li huma aktar rilevanti minn qatt qabel.

Peress li dan huwa l-ewwel rapport ta' implimentazzjoni mill-adozzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-progress tal-Istati Membri ġie vvalutat mill-perspettiva tal-kisba tal-għanijiet tal-UE dwar il-bijodiversità, it-tniġġis żero u l-klima u ekonomija dejjem aktar nadifa u ċirkolari. Għalhekk, ir-rapport huwa strutturat madwar il-kontribut tal-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jindirizzaw dawn it-tliet emerġenzi interrelatati.

Ir-rapport huwa bbażat fuq il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tat-tielet pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara (RBMPs, river basin management plans) u tat-tieni pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar (FRMPs, flood risk management plans) għall-2022-2027¹⁰ kif imħejjija u rrapportati mill-Istati Membri. Dawn il-pjanijiet huma bbażati fuq data ta' monitoraġġ miġbura bejn l-2016 u l-2021. Dan ifisser li filwaqt li ġie ppubblikat wara l-Patt Ekoloġiku, ir-rapport juri fil-biċċa l-kbira s-sitwazzjoni qabel il-Patt Ekoloġiku. Dan ma jkoprix il-benefiċċji mistennija tal-inizjattivi rivoluzzjonarji stabbiliti mill-Patt Ekoloġiku.

Ir-rapport huwa akkumpanjat minn sensiela ta' dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jipprovdu ħarsa ġenerali tal-UE lejn l-implimentazzjoni tad-WFD, id-direttivi relatati u l-FD. Ir-rapport jinkludi valutazzjonijiet individwali tal-Istati Membri u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet se jservu bħala l-pedament għal djalogu strutturat mal-Istati Membri biex tittejjeb b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni ta' dawn il-liġijiet, filwaqt li jibnu fuq l-għadd kbir ta' Prattiki u kisbiet eċċellenti madwar l-UE.

⁹ [Joint-Letter-on-the-Water-resilience-Initiative -Final-Version-1.pdf \(euase.net\)](#).

¹⁰ L-ewwel RBMPs koprew il-perjodu 2009-2015. It-tieni RBMPs u l-ewwel FRMPs koprew il-perjodu 2016-2021.

L-ekosistemi tal-ilma ħelu u tal-baħar huma interkonnessi. It-tniġġis tax-xmajjar, it-tfixkil fil-flussi tas-sediment u l-iskarsezzi tal-ilma kollha għandhom impatt qawwi ħafna fuq is-saħħa tal-ekosistemi tal-baħar, b'mod partikolari dawk kostali, u fuq il-vijabbiltà tal-attivitajiet soċjali u ekonomiċi li jiddependu fuqhom, bħat-trasport, is-sajd, l-akkwakultura jew it-turiżmu. Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD, Marine Strategy Framework Directive) tikkomplementa d-WFD u tiddependi fuq l-istrumenti ta' politika relatati mal-ilma u strumenti oħra ta' politika tal-UE biex tilħaq l-oġġettivi tagħha. Biex titħaffef l-implimentazzjoni effettiva, il-Kummissjoni għandha l-għan li tħeġġeġ approċċ aktar integrat u koerenti fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma ħelu u l-ilma baħar, f'konformità ma' approċċ "mis-sors għall-baħar"¹¹. Għal din ir-raġuni, dan ir-rapport ġie żviluppat f'koordinazzjoni mill-qrib mal-valutazzjonijiet tat-tieni programm ta' miżuri (PoMs, programme of measures) meħuda mill-Istati Membri skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) u huwa ppubblikat fl-istess żmien. Ingħatat attenzjoni partikolari biex jiġu enfasizzati l-isforzi ta' koordinazzjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttivi u r-rabtiet bejn l-azzjoni skont id-WFD u l-kisba tal-oġġettivi skont l-MSFD.

2. RBMPs u FRMPs: IS-SITWAZZJONI ATTWALI FL-ADOZZJONI U R-RAPPURTAR

Għalkemm l-Istati Membri kienu meħtieġa jadottaw il-pjanijiet tagħhom sa Marzu 2022, sfortunatament, ħafna adottawhom tard. Dan wassal lill-Kummissjoni biex tnedi proċedimenti legali kontra l-Istati Membri kollha bi ksur tar-rekwiżiti legali. Anke fiż-żmien tal-finalizzazzjoni ta' din il-valutazzjoni, mhux l-Istati Membri kollha kienu adottaw l-RBMPs u l-FRMPs tagħhom u ppreżentawhom lill-Kummissjoni¹². Għal dik ir-raġuni, dan ir-rapport ma jkoprix dawk il-pajjiżi jew reġjuni.

Is-7 Stati Membri mhux inklużi fil-valutazzjoni kurrenti tal-RBMP huma l-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, Malta, il-Portugall, is-Slovenja u l-Irlanda, u s-6 Stati Membri li mhumiex inklużi fil-valutazzjoni kurrenti tal-FRMP huma l-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, Malta, il-Portugall u s-Slovakkja. Id-data mill-RBMPs u l-FRMPs tagħhom se tiġi ppubblikata ladarba tiġi sottomessa b'mod elettroniku fuq il-pjattaforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE) tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)¹³. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tħejji dokumenti ta' ħidma tal-persunal speċifiċi għall-pajjiż b'valutazzjoni tal-pjanijiet u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Id-data se ssir ukoll parti mir-Rapport ta' Monitoraġġ u Prospettiva ta' Tniġġis Żero tal-2026, flimkien ma' ħidma informattiva relatata mal-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-UE dwar il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

¹¹ L-approċċ mis-sors għall-baħar jirreferi għall-istabbiliment ta' governanza li żżid il-kollaborazzjoni u l-koerenza fis-sistema kollha mis-sors għall-baħar u tnaqqas l-alterazzjoni tal-flussi ewlenin (l-ilma, it-tniġġis, is-sediment, il-materjali, il-bijota, is-servizzi ekosistemiċi) li jirriżultaw f'titjib ekonomiku, soċjali u ambjentali li jista' jitkejjel fl-ambjenti tal-ilma ħelu, kostali, qrib ix-xatt, ta' tranżizzjoni u tal-baħar. Dan iqis is-sistema kollha mis-sors għall-baħar – filwaqt li jenfasizza r-rabtiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi upstream u downstream u jstimula l-koordinazzjoni fis-setturi u s-segmenti.

¹² Sad-data limitu li għandha titqies għall-valutazzjoni ta' dan ir-rapport tat-30 ta' Settembru 2023, il-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, Malta u l-Portugall naqsu milli jissottomettu l-RBMPs u l-FRMPs tagħhom. Is-Slovenja u l-Irlanda rrapportaw biss FRMPs, u s-Slovakkja rrapportat biss l-RBMPs tagħha. Spanja ma rrapportatx RBMPs għall-Gżejjer Kanarji.

¹³ <https://water.europa.eu/freshwater>.

3. METODOLOĠIJA U KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-KUMPARABBILTÀ TAD-DATA

Kemm l-RBMPs kif ukoll l-FRMPs huma dokumenti komprensivi, li jikkonsistu f'mijiet sa eluf ta' paġni ta' informazzjoni, ippubblikati bil-lingwi nazzjonali. Il-valutazzjoni tagħhom, li tinvolvi l-ipproċessar ta' informazzjoni estensiva b'aktar minn 20 lingwa, hija kompitu diffiċli u kumpless ħafna. Il-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tiddependi fuq il-kwalità tar-rapporti tal-Istati Membri. Rappurtar mhux komplut jew defiċjenti jista' jwassal għal valutazzjonijiet ħżiena u/jew mhux kompluti.

L-assenza ta' rappurtar elettroniku¹⁴ jew is-sottomissjoni parzjali ta' rappurtar elettroniku minn xi Stati Membri¹⁵ fil-bażi tad-data WISE¹⁶ wasslet biex il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ssir saħansitra aktar diffiċli. Din is-sitwazzjoni hija parzjalment dovuta għad-diffikultajiet tekniċi li jiffaċċjaw l-Istati Membri meta jużaw il-pjattaforma ta' rappurtar tal-EEA u parzjalment għall-progress insuffiċjenti tal-Istati Membri fid-diġitalizzazzjoni tad-data dwar l-ilma. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kellha tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq data u informazzjoni li kienu parzjalment disponibbli f'format diġitali, faċilment komparabbli u parzjalment estratti manwalment mill-RBMPs, mill-FRMPs u minn sorsi rilevanti oħra.

Minbarra dan ta' hawn fuq, meta jinqara dan ir-rapport għandu jiġi nnutat li l-komparabbiltà tar-riżultati derivati mill-valutazzjoni tal-RBMP 2022-2027 kurrenti ma' dawg tal-perjodu preċedenti 2016-2021 hija mxejja minħabba fatturi differenti kif ġej.

- 1) Xi Stati Membri kklassifikaw mill-ġdid u ddelineaw mill-ġdid parti mill-korpi tal-ilma tagħhom b'mod sinifikanti, li f'xi każijiet wassal għal bidla sostanzjali fl-għadd globali tagħhom.
- 2) Titjib sinifikanti fil-kopertura ġeografika tas-sistemi ta' monitoraġġ fl-Istati Membri naqqas l-għadd ta' korpi bi stat li qabel ma kienx magħruf.
- 3) L-għadd ta' sustanzi inklużi fil-programmi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri żdied ukoll¹⁷, u xi standards ta' kwalità saru aktar stretti mir-rapport preċedenti.

Approċċi nazzjonali differenti għad-deżinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-sustanzi niġġiesa li mhumiex ta' tħassib għall-UE kollha iżda biss għal xi postijiet (magħrufa bħala "sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċin tax-xmara") jista' jkollhom impatt qawwi fuq l-istat tal-valutazzjoni. Minbarra sett komuni ta' sustanzi niġġiesa, xi pajjiżi jimmonitorjaw ħafna aktar minn oħrajn.

¹⁴ Il-format għar-rappurtar elettroniku u l-gwida għar-rappurtar tfassal b'mod konġunt mill-Istati Membri, mill-partijiet ikkonċernati u mill-Kummissjoni bħala parti minn proċess kollaborattiv imsejjaħ l- "Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni" (CIS, Common Implementation Strategy).

¹⁵ Għall-Italja, il-Ġermanja u l-Belġju, l-analiżi kienet ibbażata fuq rappurtar elettroniku parzjalment komplut, ikkomplementat minn data f'PDFs sottomessi għal xi RBMPs. Peress li d-Danimarka, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Lussemburgu, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Iżvezja jew ma sottomettewx data elettronikament jew għamli dan f'data ħafna aktar tard wara li ġew sottomessi l-PDFs, l-analiżi tagħhom kienet ibbażata biss (jew fil-biċċa l-kbira) fuq id-dokumenti PDF.

¹⁶ <https://water.europa.eu/freshwater>.

¹⁷ Mhux biss it-12-il sustanza prijoritarja ġdida miżjuda fl-2013 ġew immonitorjati u użati minn xi Stati Membri għall-valutazzjoni tal-istat (għalkemm id-data ta' konformità hija biss it-22 ta' Diċembru 2027), iżda wkoll sustanzi mit-33 sustanza prijoritarja oriġinali li ma kinux ġew koperti qabel, minkejja li kellhom ikunu.

4. X'INHU L-ISTAT TAL-ILMIJIET TAL-UE?

Il-valutazzjoni ta' dan ir-rapport tat-tielet RBMPs tkopri 20 Stat Membru. Dan jirrappreżenta madwar 90 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ tal-UE (xmajjar, lagi u ilmijiet ta' tranżizzjoni u kostali) u perċentwal simili tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art tal-UE (jew madwar 97 000 korp tal-ilma tal-wiċċ u 15 000 korp tal-ilma ta' taħt l-art).

Aktar għarfien dwar l-istat tal-korpi tal-ilma tal-Ewropa huwa pprovdut fir-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tal-Ilmijiet Ewropej tal-EEA¹⁸ ppubblikat fil-15 ta' Ottubru 2024. Madankollu, ta' min jinnota li r-rapport tal-EEA jkopri subsett ftit iżgħar (19-il Stat Membru tal-UE) u differenti ta' Stati Membri peress li huwa bbażat biss fuq data elettronika sottomessa lill-WISE.

Il-livell ta' għarfien tal-Istati Membri dwar l-istat tal-korpi tal-ilma żdied. Kien hemm titjib sinifikanti fil-kopertura ġeografika tas-sistemi ta' monitoraġġ fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u fl-għadd ta' elementi ta' kwalità bijoloġiċi u kimiċi tal-ilma koperti. Barra minn hekk, l-għadd ta' sustanzi prijoritarji¹⁹ mmonitorjati mill-Istati Membri żdied²⁰, u l-istandards ta' kwalità f'xi każijiet saru aktar stretti mill-aħħar rapport. Madankollu, għad hemm lakuni fil-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi f'xi Stati Membri²¹, filwaqt li d-differenzi fil-metodoloġiji li japplikaw l-Istati Membri fil-monitoraġġ tas-sustanzi prijoritarji jistgħu jfissru li r-riżultati mhux dejjem ikunu komparabbli. Dan ifisser li l-Istati Membri jafu ħafna aktar dwar il-karatteristiċi u l-istat tal-korpi tal-ilma tagħhom. Issa qed jiġu żvelati kwistjonijiet li qabel ma kinux magħrufa jew ma ġewx identifikati, u xi drabi dawn l-iskoperti jindikaw status ħażin tal-ilma²². Madankollu, fl-għoxrin sena wara d-dħul fis-seħħ tad-WFD, 3 mill-20 Stat Membru vvalutati għad għandhom maġġoranza kbira tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ tagħhom bi stat kimiku mhux magħruf. Dawn huma l-Litwanja (94,6 % tal-ilmijiet tal-wiċċ bi stat mhux magħruf), id-Danimarka (92,5 %) u l-Estonja (82,7 %).

Fl-istess ħin, il-valutazzjoni turi b'mod ċar li, għalkemm id-WFD tippreskrivi xi elementi komuni għall-monitoraġġ, hemm differenzi kbar fil-**prattiki, il-frekwenza tal-monitoraġġ u l-parametri** mkejla tal-Istati Membri. Din hija sfida ewlenija f'termini ta' komparabbiltà tal-valutazzjoni tal-istat.

Minbarra dawn id-differenzi u minkejja l-progress, **għad hemm lakuni kbar fil-monitoraġġ tal-istat ekoloġiku**, kemm f'termini ta' kopertura spazjali kif ukoll ta' fiduċja fil-valutazzjoni. Osservazzjoni ugwalment sinifikanti hija li l-Istati Membri, aktar milli jimmonitorjaw il-parametri b'mod empiriku, ħafna drabi jużaw ġudizzju espert jew estrapolazzjoni għal grupp ta' korpi tal-ilma soġġetti għal pressjonijiet simili.

¹⁸ Ir-rapport tal-EEA 7/2024, *L-istat tal-ilmijiet tal-Ewropa 2024. Il-ħtieġa għal reżiljenza mtejba tal-ilma* (<https://www.eea.europa.eu/en/analysis/publications/europes-state-of-water-2024>).

¹⁹ Sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu, elenkati fid-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali, kif emendata fl-2013 u fid-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art.

²⁰ Mhux biss it-12-il sustanza prijoritarja ġdida miżjuda fl-2013 ġew immonitorjati u użati minn xi Stati Membri għall-valutazzjoni tal-istat (għalkemm id-data tal-konformità hija biss it-22 ta' Diċembru 2027), iżda wkoll sustanzi mit-33 sustanza prijoritarja oriġinali li ma kinux ġew koperti qabel, minkejja li kellhom ikunu.


²¹ Is-sustanzi li tħallew barra huma l-paraffini klorurati b'katina qasira. Sustanzi oħra mhux inklużi fil-programmi kollha ta' monitoraġġ kienu jinkludu d-dijuron, il-kwinossifen u t-tributillanda. Il-feedback mill-RBMPs indika li r-raġuni ewlenija li dawn is-sustanzi tħallew barra kienet relatata mal-isfidi tekniċi fl-analiżi jew in-nuqqas ta' standards disponibbli biex titlesta l-analiżi.

²² Il-monitoraġġ tal-preżenza tat-tniġġis fis-sedimenti u l-ispeċijiet ħajjin għall-valutazzjoni tax-xejriet fit-tul għadu jvarja fl-Istati Membri u bejniethom u fil-biċċa l-kbira mhuwiex komplut.

Ilmijiet tal-wiċċ: x'inhum l-istat ekoloġiku jew il-potenzjal ekoloġiku tagħhom?

Il-Kummissjoni tikkonkludi li abbażi tad-data prinċipalment mill-2016-2021 irrappurtata fit-tielet RBMPs għall-2022-2027, 39,5 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ fl-Ewropa jidhru li huma fi stat ekoloġiku jew potenzjal ekoloġiku tajjeb²³. Din iċ-ċifra hija bejn wiehded u ieħor l-istess (39,1 %) bħal dik irrappurtata mill-istess pajjiżi fit-tieni RBMPs għall-2016-2021, li prinċipalment użaw data mill-2009-2015²⁴. Dan huwa konsistenti mas-sejbiet mid-Direttivi dwar in-Nitrati, li juru li fil-livell tal-UE, 36 % tax-xmajjar, 32 % tal-lagi, 31 % tal-ilmijiet kostali, 32 % tal-ilmijiet ta' tranżizzjoni u 81 % tal-ilmijiet tal-baħar ġew irrappurtati bħala ewtrofici²⁵.

Illustrazzjoni 1 – Bidla fil-valutazzjoni tal-istat ekoloġiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ tal-UE mill-ewwel, it-tieni u t-tielet RBMPs (Sors: estrazzjoni ta' data WISE u PDF dwar l-ilma ħelu)



Filwaqt li ġie osservat xi titjib limitat f'xi Stati Membri, Stati Membri oħra rrappurtaw jew l-ebda titjib jew tnaqqis sinifikanti fil-perċentwal ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ bi stat ekoloġiku jew potenzjal ekoloġiku tajjeb jew għoli. It-tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' korpi tal-ilma fi stat ekoloġiku jew potenzjal ekoloġiku tajjeb ġie rrappurtat mill-Polonja (-22,9 %), il-Litwanja (-15,5 %), is-Slovakkja (-14,9 %), iċ-Ċekja (-13,3 %), il-Kroazja (-9,1 %) u l-Estonja (-7,6 %). Dan it-tnaqqis jista' jkun dovut l-aktar għal għarfien ħażin aħjar u fehim imtejjeb tal-istat tal-korpi tal-ilma tagħhom meta mqabbla maċ-ċiklu preċedenti.

Minkejja t-titjib ġeneralment limitat fil-perċentwal tal-korpi tal-ilma fi stat ekoloġiku tajjeb jew għoli, huwa inkoraġġanti li wiehded jinnota li, meta mqabbel maż-żewġ ċikli preċedenti tal-RBMP (2009-2015 u 2016-2021), kien hemm titjib f'ċerti parametri tal-kwalità bijoloġiċi u kimiċi. Dan jista' jirrifletti l-effetti pożittivi tal-implimentazzjoni tal-miżuri preċedenti. B'mod partikolari, ir-rapport reċenti tal-2024 dwar l-Istat tal-Ilmijiet tal-EEA²⁶ juri li l-istat

²³ Potenzjal ekoloġiku tajjeb huwa l-oġettiv li għandu jintlaħaq minn modifikat ħażin jew korp artifiċjali tal-ilma.

²⁴ Data estratta minn WISE dwar l-ilma ħelu (<https://water.europa.eu/freshwater>).

²⁵ Ara r-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati mill-2021, p. 5, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC1000>.

²⁶ <https://www.eea.europa.eu/en/analysis/publications/europes-state-of-water-2024>

tal-fitoplankton, tal-flora bentika u tal-invertebrati fil-lagi tġieb, u hemm titjib viżibbli fl-invertebrati bentiċi fix-xmajjar u fl-ilmijiet ta' tranżizzjoni. Madankollu, filwaqt li ta' min jinnotah, dan it-titjib parzjali mhuwiex biżżejjed biex jittejjeb l-istat ġenerali tal-korpi tal-ilma u biex inaqqas ir-riskji assoċjati għas-saħħa u l-ambjent. Barra minn hekk, dan it-titjib għandu t-tendenza li jiġi injorat peress li d-WFD tapplika approċċ "one out, all out", li jimplika li korpi tal-ilma jista' jikseb stat tajjeb biss jekk l-elementi kollha ta' kwalità bijoloġiċi u kimiċi jiġu vvalutati mill-inqas bħala "tajba".

Dan it-titjib parzjali u injorat jista' jispjega, tal-anqas parzjalment, għaliex il-valutazzjoni tal-istat ekoloġiku fit-tielet RBMPs (li tkopri l-2022-2027) turi titjib ġeneralment limitat meta mqabbel mar-rapport preċedenti li jivvaluta t-tieni RBMPs (li jkopri l-2016-2021). Dan in-nuqqas ta' progress jista' jkun dovut ukoll, minbarra għaż-żieda fl-għarfien u l-akkuratezza msemmija hawn fuq, għal żieda possibbli fil-perssonijiet sottostanti, miżuri inadegwati u progress insuffiċjenti fit-tneġġja tal-miżuri pplanati.

F'dan l-isfond, mhuwiex sorprendenti li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri indikaw li ma jistennewx li jiksbu stat ekoloġiku jew potenzjal ekoloġiku tajjeb għall-korpi tal-ilma kollha ta' tagħhom sal-2027.

L-Istati Membri għamlu progress sinifikanti fl-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ta' referenza²⁷ għal tipi differenti ta' ilma. Tali kundizzjonijiet huma essenzjali biex jiġu stabbiliti parametri referenzjarji u jitkejlu l-impatti tal-attivitajiet tal-bniedem fuq l-elementi bijoloġiċi, fiżikokimiċi u idromorfoloġiċi. Barra minn hekk, sar progress kbir fil-livell tal-UE bis-saħħa tal-eżerċizzju tal-interkalibrar²⁸, li jarmonizza l-klassifikazzjonijiet nazzjonali ta' stat ekoloġiku tajjeb. Madankollu, għad hemm **diskrepanza fl-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE**, li xxekkel it-tqabbil tal-valutazzjoni tal-istat ġenerali.

Ilmijiet tal-wiċċ: x'inhu l-istat kimiku ta' tagħhom?

Il-kisba ta' stat kimiku tajjeb hija indikatur tat-tranżizzjoni **lejn tniġġis żero**. Bħal fiċ-ċiklu ta' rappurtar preċedenti, hemm differenza kbira ħafna bejn l-ilmijiet tal-wiċċ u l-ilmijiet ta' taħt l-art, u dawn tal-aħħar spiss ikunu protetti aħjar.

L-informazzjoni pprovduta fit-tielet RBMPs turi li, fl-2021, 26,8 % biss tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ kienu fi stat kimiku tajjeb, meta mqabbla mat-33,5 % fl-2015. Dan juri deterjorament sinifikanti.

Filwaqt li s-sehem tal-ilmijiet tal-wiċċ fi stat tajjeb baqa' stabbli jew tġieb ftit f'xi Stati Membri meta mqabbel mal-2015, dan naqas u, f'xi każijiet, naqas b'mod sinifikanti f'xi oħrajn. Dan tal-aħħar huwa l-każ, pereżempju, fil-Litwanja (-98,7 %), fil-Finlandja (-49,5 %), fil-Polonja (-34,2 %), fiċ-Ċekja (-29,9 %), fin-Netherlands (-29,8 %), fis-Slovakkja (-26,3 %), fil-Kroazja (-11,4 %) u fil-Latvja (-10,6 %).

Dan id-deterjorament jista' jkun dovut l-aktar għal monitoraġġ imtejjeb u għarfien aħjar ta' sustanzi "persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi ma' kullimkien" (uPBTs, ubiquitous

²⁷ Id-WFD tiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' referenza għal sistema ekoloġika bħala l-kundizzjonijiet li jipprevalu fin-nuqqas totali jew kważi totali ta' disturb uman.

²⁸ ĠU L, 2024/721, 8.3.2024: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/721/oj>.


persistent, bioaccumulative and toxic substances), bidliet kbar fid-delineazzjoni tal-korpi tal-ilma u standards aktar stretti għal xi sustanzi.

Fir-rigward tal-**ilmijiet tal-wiċċ**, in-nuqqas sinifikanti ta' konformità huwa dovut l-aktar għall-uPBTs. L-aktar komuni minn dawn il-komposti huma l-**merkurju** u l-**idrokarburi aromatiċi poliċikliċi** (PAHs, polycyclic aromatic hydrocarbons). Dawn diġà huma preżenti fi kwantitajiet kbar minħabba tniġġis li ntiret u tniġġis ġdid li jkompli jidħol fl-ambjent akkwatiku permezz ta' emissjonijiet atmosferiċi mill-kombustjoni ta' fjuwils fossili u fjuwils oħra. Grupp ewlieni ieħor ta' uPBTs huma l-eteri tad-difenil polibromurati (PBDEs, **polybrominated diphenyl ethers**), li jintużaw ħafna fiż-żebgħa, il-plastik, il-pedding tal-fowm għall-għamara, it-tessuti, il-materjali tal-bini u l-proċessi industrijali. Dawn is-“suspettati tas-soltu” għandhom effett dominanti ħafna fuq il-klassifikazzjoni tal-istat kimiku, minħabba li l-ambjent għandu kapaxità limitata li jippurifika l-ilu minn dawn is-sustanzi niġġiesa frekwenti u persistenti ħafna. Mingħajr dawn il-komposti uPBT, 81 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ kienu jiksbu stat kimiku tajjeb, li huwa bejn wieħed u ieħor l-istess perċentwal bħal fiċ-ċiklu ta' rappurtar preċedenti.

Is-sustanzi l-oħra li jikkawżaw il-qbiż tal-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u n-nuqqas li jinkiseb stat kimiku tajjeb iwarjaw bejn l-Istati Membri. Madankollu, il-**metalli** (eż. iċ-ċomb, il-kadmju, in-nikil li huma tipikament marbuta mal-iskart tal-minjieri, l-ilma mormi muniċipali u industrijali, l-ilma tax-xeba' urban), il-**bijoċidi** u l-**pestiċidi** (tributillanda, klorpirifos), u **xi sustanzi niġġiesa organiċi persistenti** (eż. l-eżaklorobenżen) għadhom jidhru b' mod komuni fil-quċċata tal-lista ta' sustanzi li jwasslu għal falliment anke jekk l-użu ta' xi wħud minn dawn is-sustanzi ilu projbit għal ħafna snin.


Ta' min jinnota li l-uPBTs għadhom responsabbli wkoll għan-nuqqas li jintlaħaq l-oġettiv ta' status ambjentali tajjeb għall-kontaminazzjoni skont l-MSFD għal 80 % taż-żona tal-baħar²⁹.

Illustrazzjoni 2 – Bidla fil-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ tal-UE mill-ewwel, it-tieni u t-tielet RBMPs (is-sustanzi kollha, inklużi l-uPBTs) (Sors: estrazzjoni ta' data WISE u PDF dwar l-ilma ħelu)



²⁹ Ir-Rapport tal-Kummissjoni, L-ewwel monitoraġġ u prospettiva dwar it-“tniġġis zero”, “Perkorsi lejn arja, ilma u ħamrija aktar nodfa għall-Ewropa” (COM (2022) 674 final, 8.12.2022).

Illustrazzjoni 3 – Bidla fil-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ tal-UE mit-tieni u t-tielet RBMPs (mingħajr uPBTs) (Sors: estrazzjoni ta' data WISE u PDF dwar l-ilma ħelu)



Il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art: x'inhom l-istat kimiku tagħhom?

Fir-rigward tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art, fl-2021, abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-tielet RBMP, 86 % tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art kienu fi stat kimiku tajjeb. Dan huwa titjib żgħir meta mqabbel ma' 82,2 % għall-istess subsett ta' pajjiżi fl-2015.


Is-sustanzi niġġiesa li ġew irrappurtati l-aktar li jwasslu għal stat kimiku fqir huma n-**nitrat**³⁰. Dawn jirriżultaw prinċipalment minn agrikoltura u trobbija tal-bhejjem intensivi permezz tal-użu mhux xieraq jew eċċessiv ta' fertilizzanti u demel likwidu/demel, li kollha fihom in-nitroġenu u l-fosfru. Dan huwa l-każ għal 17 mill-20 Stat Membru. L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja biss ma jirrapportawx li n-nitrat jikkawżaw falliment fl-istat kimiku fl-ilmijiet ta' taħt l-art tagħhom. Il-**pestiċidi** u l-metaboliti tagħhom huma responsabbli għan-nuqqas li jinkiseb stat kimiku tajjeb f'disa' Stati Membri (l-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Lussemburgu, in-Netherlands u Spanja). Il-**fosfat** u l-**ammonju**, li wkoll, prinċipalment jirriżultaw minn agrikoltura u trobbija tal-bhejjem intensivi, iwasslu wkoll għal stat kimiku fqir b'impatt partikolari f'pajjiżi bħas-Slovakkja u iċ-Ċekja.

Sustanzi oħra msemmija bħala li jwasslu għal perċentwal iżgħar ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art bi stat kimiku fqir (jiġifieri inqas minn 10 % skont xi Stati Membri) jinkludu sustanzi niġġiesa li jseħħu b'mod naturali, bħall-klorur, is-sulfat, il-potassju, il-ħadid u l-kontenut totali ta' karbonju organiku. Is-solventi industrijali, il-PAHs, il-metil-terz-butyl-eter (MTBE, methyl tert-butyl ether - użat primarjament bħala addittiv tal-fjuwil) u l-aġenti tensjoattivi anjoniċi

³⁰ Skont l-EEA, il-konċentrazzjoni medja ta' nitrat fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art tal-UE ma nbidlitx b'mod sinifikanti mill-2021 (EEA, 2023).

(komuni fis-sapun u fid-deterġenti) jissemmew inqas bħala l-kawża ta' stat fqir (iżda ġew irrappurtati mill-Finlandja, Franza, l-Italja u l-Latvja).


Illustrazzjoni 4 – Bidla fil-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art tal-UE mill-ewwel, it-tieni u t-tielet RBMPs (Sors: estrazzjoni ta' data WISE u PDF dwar l-ilma ħelu)



Stat kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art – għandhom biżżejjed ilma?


Meta wieħed iqabbel l-istat kwantitattiv tal-ilmijiet ta' taħt l-art fl-istess sett ta' Stati Membri, huwa inkoraġġanti li jiġi osservat titjib żgħir: 95 % tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art ġew irrappurtati fi stat tajjeb fl-2016-2021 meta mqabbla ma' 92,4 % fl-2009-2015. Id-data rrappurtata turi li r-rikostituzzjoni tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art, proporzjon kbir tar-riżervi tal-UE, tidher li fil-biċċa l-kbira hija żgurata. Għalkemm dan jista' jindika li t-tibdil fil-klima (għadu) ma affettwax l-ilmijiet ta' taħt l-art tal-UE, jeħtieġ li jiġi enfazzat li mhux l-Istati Membri kollha jqisu b'mod adegwat il-ħtiġijiet tal-ekosistemi dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art, u li din l-istampa meħuda fl-2021 ma tkoprix l-impatti tas-snin sussegwenti li kienu l-aktar xotti f'dan is-seklu.

Illustrazzjoni 5 – Bidla fil-valutazzjoni tal-istat kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art tal-UE mill-ewwel, it-tieni u t-tielet RBMPs (Sors: estrazzjoni ta' data WISE u PDF dwar l-ilma ħelu)



Madankollu, hemm differenzi ġeografiċi sinifikanti fl-20 Stat Membru koperti f'dan ir-rapport (ara l-Illustrazzjoni 6).

Illustrazzjoni 6 – Ħarsa ġenerali lejn l-istat kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art skont l-Istat Membru fl-2021



F'84 % tal-każijiet identifikati, il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art naqsu milli jiksbu stat kwantitattiv tajjeb minħabba li jiġi estratt aktar ilma mill-akwifer mill-kapaċità naturali tiegħu ta' rikostituzzjoni. Raġunijiet oħra għan-nuqqas ta' stat kwantitattiv tajjeb huma l-intrużjoni salina (25 %), l-impatti fuq l-ekosistemi akkwatiċi konnessi mal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art (20 %) u l-ekosistemi terrestri dipendenti (9 %).

Kważi l-Istati Membri kollha relaturi³¹ wettqu **valutazzjoni tal-bilanċ tal-ilma**³² għat-tielet RBMPs, bil-biċċa l-kbira jivvalutaw ix-xejriet fit-tul ukoll. Madankollu, għall-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, meta jivvalutaw l-istat kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art, l-Istati Membri mhux dejjem jikkunsidraw il-ħtiġijiet tal-**ekosistemi akkwatiċi assoċjati mal-ilma ta' taħt l-art** u tal-**ekosistemi terrestri dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art**. Din hija lakuna kbira peress li l-attivitajiet tal-bniedem li jbiddu l-livelli tal-ilma ta' taħt l-art jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-istat tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ jew jagħmlu ħsara lil ekosistemi prezzjużi, bħall-artijiet mistagħdra.

Matul l-aħħar tliet ċikli ta' implimentazzjoni, l-Istati Membri rrapportaw proporzjon għoli ta' ilmijiet ta' taħt l-art bħala li għandhom stat kwantitattiv tajjeb. Madankollu, dan jikkuntrasta maż-żieda fl-iskarsezza tal-ilma madwar l-UE u ż-żieda osservata fid-dipendenza fuq il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art bħala sors ta' provvista għas-servizzi pubbliċi u l-irrigazzjoni, li twassal għal żieda fl-estrazzjonijiet³³. Dan jenfasizza l-importanza li l-Istati Membri japplikaw aħjar

³¹ Ħlief għal-Lussemburgu fejn l-eżerċizzju għadu għaddej.


³² Il-bilanċ tal-ilma huwa l-ammont ta' ilma disponibbli għall-allokkazzjoni, li jingħadd bħala influssi bit-tnaqqis tal-ħruġ f'baċin jew sottobaċin ta' xmara partikolari.

³³ Skont l-EEA, is-sehem tal-ilma ta' taħt l-art mill-estrazzjoni totali tal-ilma żdied minn 19 % fl-2000 għal 23 % fl-2019.

metodoloġġi maqbula biex jivvalutaw l-istat kwantitattiv billi jqisu kif xieraq il-varjazzjonijiet staġjonali u l-impatti li qed jaċċelleraw tat-tibdil fil-klima, filwaqt li jiddependu inqas fuq xejriet storiċi u jqisu bis-sħiħ ir-rwol tal-ilmijiet ta' taħt l-art fl-appoġġ tax-xmajjar u l-ekosistemi. Valutazzjoni li hija bbażata biss fuq il-livelli tal-ilma ta' taħt l-art hija insuffiċjenti³⁴. Is-sitwazzjoni tindika wkoll, kif issuġġerit mill-EEA, li jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu riveduti l-metodoloġġi eżistenti.

B'mod sinifikanti, diversi Stati Membri jistennu li s-sitwazzjoni se tmur għall-agħar peress li jibassru li l-għadd ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art f'riskju li ma jiksbox stat kwantitattiv tajjeb sal-2027 se jiżdied f'xi każijiet b'mod pjuttost sostanzjali (ara l-Illustrazzjoni 7 hawn taħt).

Illustrazzjoni 7 – Perċentwal tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art li l-Istati Membri jirrappurtaw bħala f'riskju li ma jiksbox stat kwantitattiv tajjeb sal-2027 (pajjiżi b'rappurtar elettroniku biss)



- **Kaxxa 1: Għaliex l-UE għadha 'l bogħod milli tilħaq l-oġġettivi tad-WFD?**
- Matul is-snin, l-implimentazzjoni tad-WFD tejbet gradwalment l-għarfien u l-fehim tal-istat tax-xmajjar, il-lagi, l-ilmijiet ta' tranżizzjoni, l-ilmijiet kostali u l-ilmijiet ta' taħt l-art tal-UE. Dan l-għarfien imtejjeb jispjega parzjalment xi wħud mix-xejriet deskritti hawn fuq.
- Madankollu, kif iddokumentat ukoll fil-Kontroll tal-Idoneità tal-2019 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma³⁵, ħafna fatturi kellhom u għad għandhom rwol fit-tfixkil tal-implimentazzjoni effettiva tad-WFD u kkontribwew għall-progress ġeneralment kajman sa mill-bidu tagħha. Dawn il-fatturi jinkludu:

³⁴ Ara n-Nota ta' gwida Nru 18 dwar l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni.

³⁵ SWD(2019) 439 final, p. 116.

- identifikazzjoni tard jew sottovalutazzjoni tal-pressjonijiet kif ukoll tal-isforzi meħtieġa biex jinħoloq qafas ta' governanza adattat għal kundizzjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri;
- tnaqqis insuffiċjenti fil-pressjonijiet ġenerali fuq il-korpi tal-ilma, b'mod partikolari marbut mat-tniġġis diffuż (għall-kuntrarju tas-suċċess relattiv fl-indirizzar ta' sors lokalizzat tat-tniġġis) u d-degradazzjoni tal-ħabitat (li għalih ikunu meħtieġa ħafna miżuri ta' restawr biex jiġu indirizzati l-pressjonijiet mill-passat, inklużi l-bidliet idromorfoloġiċi u t-tniġġis li ntiret);
- l-introduzzjoni kajmana ta' miżuri ta' politika effettivi peress li l-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri spiss ma jkunux ibbażati biżżejjed fuq l-analiżi tal-pressjonijiet u l-impatti, u hemm tendenza li wieħed jiddependi fuq soluzzjonijiet teknoloġiċi faċli li jindirizzaw sors lokalizzat tat-tniġġis iżda li jħallu sorsi oħra ta' tniġġis fil-biċċa l-kbira mhux immirati;
- konsistenza limitata fil-politiki rilevanti peress li stat tajjeb tal-korpi tal-ilma jiddependi wkoll b'mod kritiku fuq l-integrazzjoni tal-oġettivi tal-ilma f'oqsma oħra ta' politika, bħall-agrikoltura, l-enerġija u t-trasport;
- miżuri biex jinkiseb status tajjeb tal-ilma mhumiex prijoritizzati għall-kuntrarju ta' attivitajiet ekonomiċi oħra;
- dipendenza predominanti fuq miżuri bażiċi³⁶ minflok miżuri supplimentari addizzjonali implimentati fuq skala suffiċjenti biex jintlaħqu l-oġettivi tad-WFD;
- iż-żmien biex in-natura tirrispondi għall-miżuri qabel ma jiġu prodotti r-riżultati mistennija;
- l-impatti tat-tibdil fil-klima li qed jinħassu dejjem aktar (jiġifieri ż-żieda fit-temperatura tal-ilma);
- in-nuqqas ta' finanzjament u r-restrizzjonijiet fil-kapaċità amministrattiva.

5. ASPETTI TA' GOVERNANZA U TRAŻVERSALI

Governanza xierqa hija essenzjali għat-tħaddim bla xkiel ta' sistemi kumplessi ta' ġestjoni tal-ilma fl-Istati Membri, li jiddependu fuq l-involviment ta' ħafna livelli amministrattivi differenti u partijiet affettwati. L-Istati Membri kollha ħatru l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għal kull distrett tal-baċin tax-xmara (RBD, river basin district). Dawn id-distretti spiss jinvolvu diversi awtoritajiet b'responsabbiltajiet għal aspetti differenti tal-RBMPs. Bl-istess mod, l-Istati Membri kollha ħatru awtoritajiet kompetenti għad-Direttiva dwar l-Għargħar (FD). Dawn jistgħu jkunu differenti minn dawk maħtura skont id-WFD, u, f'ċerti Stati Membri, l-unitajiet tal-ġestjoni identifikati f'konformità mal-FD mhumiex l-istess bħall-RBDs.

Kif meħtieġ mill-FD, ħafna Stati Membri jindikaw li l-FRMPs u l-RBMPs ġew żviluppati b'mod koordinat u xi drabi b'mod simultanju³⁷. Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri wettqu konsultazzjoni konġunta tal-RBMPs u tal-FRMPs tagħhom³⁸, u xi wħud integraw iż-żewġ pjanijiet fi pjan wieħed. Huwa ċar li s-sitwazzjoni fost l-Istati Membri mhijiex uniformi għall-programm ta' miżuri tal-MSFD. Ftit Stati Membri biss juru evidenza ta' koordinazzjoni

³⁶ B'mod partikolari, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi u d-Direttiva dwar in-Nitrati, li jidhru bħala "miżuri bażiċi" fil-programmi ta' miżuri tad-WFD.

³⁷ B'mod ġenerali, 15 mill-21 Stat Membru pprovdew evidenza qawwija fl-FRMPs tagħhom li l-koordinazzjoni ġiet żgurata mad-WFD, filwaqt li s-sitta l-oħra kellhom mill-inqas xi evidenza.

³⁸ Fir-rigward tal-konsultazzjonijiet konġunti tal-abbozzi tal-FRMPs u tal-RBMPs, 15-il Stat Membru rrapportaw li wettquhom, meta mqabbla ma' 13-il Stat Membru fiċ-ċiklu preċedenti.

ċara fl-iżvilupp tal-programmi ta' miżuri tad-WFD u tal-MSFD f'termini ta' proċess, kontenut u konsistenza b'rispons għall-istess pressjonijiet. Evidenza simili ta' f'tit koordinazzjoni tirriżulta mir-rappurtar parallel tal-MSFD dwar it-tieni programm ta' miżuri³⁹. Għalhekk, dan huwa qasam fejn l-Istati Membri jeħtieġ li jintensifikaw l-isforzi biex jimplementaw **approċċ mis-sors għall-baħar**.

Il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni, filwaqt li huma fis-seħħ b'mod ġenerali, jidhru prinċipalment li mhumiex biżżejjed biex jiżguraw li jkun hemm sinerġiji sħaħ u l-konsistenza xierqa fil-livelli differenti tal-gvern (eż. approċċi mhux armonizzati biżżejjed għall-implimentazzjoni tad-WFD fil-livelli sottonazzjonali). Il-koordinazzjoni ma' politiki settorjali oħra (eż. l-agrikoltura, l-enerġija) hija wkoll insuffiċjenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri meħtieġa biex jiġu indirizzati l-aktar pressjonijiet sinifikanti. Minkejja l-fatt li l-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tad-WFD u ta' leġislazzjoni ambjentali oħra huma r-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti ambjentali, huwa essenzjali li tiġi żgurata integrazzjoni aktar effettiva tal-oġettivi tad-WFD fil-politiki settorjali u fl-istrumenti ta' finanzjament (bħall-PAK). Dan jinvolvi l-allinjament tal-interventi appoġġati mill-PAK mal-miżuri fl-RBMPs.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu sforzi notevoli biex jagħtu spinta lill-**parteċipazzjoni pubblika u l-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati** fl-iżvilupp tal-RBMPs u l-FRMPs tagħhom bl-użu ta' varjetà ta' kanali u mekkaniżmi ta' konsultazzjoni. B'mod ġenerali, firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati kienu involuti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Madankollu, ħafna pjanijiet ma jispjegawx kif ġie meqjus l-input riċevut u jekk daww ikkonsultati ġewx infurmati dwar kif tqiesu l-fehmiet tagħhom. Tali komunikazzjoni trasparenti żżid is-sjieda kollettiva tal-pjanijiet.

Pressjonijiet

L-aktar pressjonijiet sinifikanti għall-korpi tal-ilma tal-wiċċ⁴⁰ fl-Istati Membri kollha relaturi huma: it-**tniġġis mid-depożizzjoni atmosferika** (li jaffettwa 59 % tal-korpi tal-ilma), il-**bidliet idromorfoloġiċi** (57 %) li jirriżultaw mill-iskular u l-irrigazzjoni għall-agrikoltura, l-enerġija idroelektrika, il-protezzjoni mill-għargħar, in-navigazzjoni jew il-provvista tal-ilma tax-xorb, u t-**tniġġis mill-agrikoltura** (32 %). Pressjonijiet ewlenin oħra madwar l-UE huma l-**iskariki tal-ilma mormi urban** (14 %), l-**iskariki mhux konnessi mas-sistema tad-drenaġġ** (9 %) u l-**estrazzjoni** (9 %) għal diversi skopijiet. Pressjonijiet oħra ħafna drabi identifikati fl-RBMPs huma t-**tniġġis mill-ilma tax-xeba' urban** (8 %) it-**tifwir tal-ilma tal-maltemp** (5 %) u l-**iskariki minn installazzjonijiet industrijali** (6 %). Ta' min jinnota li l-istess korp tal-ilma jista' jkun soġġett għal pressjonijiet multipli, u għalhekk it-total ma jammontax għal 100 %.

Sfortunatament, 13 % tal-korpi tal-ilma tal-UE għadhom ukoll affettwati minn pressjonijiet antropoġeniċi mhux identifikati, u għalhekk għad hemm lok għal żieda fl-għarfien f'dan il-qasam. L-ebda pressjoni sinifikanti ġiet identifikata biss f'10 % tal-korpi tal-ilma rappurtati.

³⁹ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-Valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Programmi ta' Miżuri tal-Istati Membri kif aġġornat skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2008/56/KE COM(2025) 3 u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal relatat SWD(2025) 1.

⁴⁰ Abbażi tad-data WISE dwar l-ilma heġu li tkopri 18 mill-20 Stat Membru li għalihom id-data hija disponibbli elettronikament minn Ġunju 2024.

Il-persjoni minn **speċijiet aljeni invażivi** – dawk ta' tħassib kemm għall-UE⁴¹ kif ukoll nazzjonali – fuq l-ekosistemi tal-ilma ħelu u tal-baħar fl-Ewropa qed tiżdied, kif muri minn għadd ta' rapporti⁴². Minkejja l-impatt dirett li dawn l-ispeċijiet jista' jkollhom fuq il-kisba ta' stat ekoloġiku tajjeb, din il-persjoni tidher li hija sottovalutata u hija identifikata biss fi 2,2 % tal-korpi tal-ilma rrapportati. L-informazzjoni dwar l-ispeċijiet aljeni invażivi u l-miżuri meħuda biex tiġi indirizzata l-problema spiss tkun nieqsa jew mhux dettaljata ħafna fl-RBMPs.

Filwaqt li 71 % tal-**korpi tal-ilma ta' taħt l-art** tal-UE huma rrapportati li mhumiex soġġetti għal persjonijiet sinifikanti, kważi 30 % minnhom huma affettwati minn firxa ta' persjonijiet. Dan jinkludi b'mod partikolari **t-tniġġis agrikolu diffuż** (eż. pestiċidi u fertilizzanti), li jaffettwa 59 % tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art milquta, **l-estrazzjoni għall-provvista pubblika tal-ilma** (25 %), **l-estrazzjoni għall-agrikoltura** (22 %), **l-użu industrijali** (12 %) u skopijiet oħra (12 %). It-tniġġis diffuż minn sorsi oħra, b'mod partikolari **l-ilma tax-xeba' urban** (16 %) u **l-iskariki mhux konnessi man-network tad-drenaġġ** (6 %), huma wkoll persjonijiet kbar, kif ukoll **it-tniġġis minn siti industrijali kkontaminati jew abbandunati** (17 %) u t-tniġġis li ntiret (13 %).

Programmi ta' miżuri

L-istampa hija differenzjata għall-analiżi tal-programmi ta' miżuri (PoMs, programmes of measures) li l-Istati Membri huma obbligati jfasslu biex jipprevjenu jew jillimitaw dawk il-persjonijiet.

Għadd konsiderevoli ta' miżuri mħabbra fit-tieni RBMPs ma ġewx implimentati. Bħal fil-passat, il-finanzjament insuffiċjenti tal-miżuri ġie identifikat bħala l-aktar ostaklu sinifikanti (86 %), segwit minn dewmien mhux mistenni (81 %), l-assenza ta' mekkaniżmi nazzjonali xierqa, bħal regolamenti nazzjonali u miżuri oħra li għadhom ma ġewx adottati (70 %), u kwistjonijiet ta' governanza (57 %). Id-diffikultajiet biex tinkiseb l-art meħtieġa biex jiġu implimentati ċerti miżuri huma wkoll regolarment imsemmija bħala sfida ewlenija.

It-tielet PoMs ippreżentat fl-RBMPs 2022-2027 juru li l-Istati Membri għad għandhom approċċi differenti għat-tfassil u r-rappurtar tagħhom. Il-PoMs spiss ikun fihom sett pjuttost twil ta' miżuri iżda jidher li ma jinkludux diversi elementi ewlenin. B'mod partikolari, ma hemm l-ebda valutazzjoni ċara tad-distakk li għandu jitnaqqas biex jintlaħaq stat tajjeb. Hemm ukoll informazzjoni insuffiċjenti dwar il-prijoritizzazzjoni tal-miżuri abbażi tal-analiżi tal-kosteffettività meħtieġa. Il-kostijiet u l-finanzjament tal-miżuri ppjanati ħafna drabi huma neqsin. Peress li l-Istati Membri spiss jargumentaw li jiffaċċjaw diffikultajiet ta' finanzjament, dan jissuġġerixxi li r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-PoMs mhux dejjem jiġu żgurati minn qabel. Dan idgħajjed l-effettività tal-PoMs.

⁴¹ Kif elenkat fir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi.

⁴² Pereżempju, l-ispeċijiet invażivi tal-ilma ħelu aljeni żdiedu b'seba' darbiet fl-għadd matul l-aħħar 100 sena skont Cid, N. u Cardoso, A. C., 2013, l-ispeċijiet aljeni Ewropej tal-ilma ħelu, "Global Freshwater Biodiversity Atlas" (Atlas Globali tal-Bijodiversità tal-Ilma Ħelu) (atlas.freshwaterbiodiversity.eu).

6. L-INDIRIZZAR TAL-KRIŻI PLANETARJA TRIPLA

6.1. LEJN XMAJJAR, LAGI, ILMIJET KOSTALI U ILMIJET TA' TAĦT L-ART BI TNIĠĠIS ŻERO

6.1.1 X'qed isir biex jiġi miġġieled it-tniġġis mill-agrikoltura?

It-tniġġis diffuż mill-**agrikoltura** huwa wieħed mill-pressjonijiet ewlenin tat-tniġġis fuq il-korpi tal-ilma tal-UE identifikati mill-Istati Membri relatari kollha fi kważi l-RBDs kollha u jaffettwa kemm il-korpi tal-ilma tal-wiċċ kif ukoll dawk tal-ilma ta' taħt l-art. Dan huwa essenzjalment dovut għal prattiki ta' ġestjoni tal-art insostenibbli u użu eċċessiv u mhux xieraq minn naħa waħda ta' fertilizzanti u demel likwidu/tipi ta' demel li fihom in-nitroġenu li jwassal għan-nitrati fl-ilma, u min-naħa l-oħra ta' pestiċidi u sustanzi perikolużi oħra. Kif stabbilit fit-Taqsima 2 hawn fuq, in-nitrati huma l-aktar sustanza niġġiesa fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art, u jikkawżaw ukoll li l-korpi tal-ilma tal-wiċċ isiru ewtrofiċi. Dan huwa konsistenti mas-sejbiet dwar it-tagħbijiet ta' nutrijenti fir-reġjuni tal-baħar tal-UE li juru li għar-reġjuni kollha, ħlief għall-Baħar l-Iswed, l-akbar sors ta' nitroġenu fil-baħar jirriżulta mill-agrikoltura⁴³. Jidher li hemm stampa aktar differenzjata għall-fosfru, fejn l-akbar kontributor għal kważi r-reġjuni tal-baħar kollha huwa l-ilma mormi, u l-agrikoltura hija t-tieni l-akbar.

Għalkemm ġie osservat titjib konsiderevoli meta mqabbel mas-snin 1990 u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u l-bdiewa għamlu sforzi sinifikanti biex inaqqsu t-telf tan-nutrijenti fl-ilmijiet, id-data dwar il-kwalità tal-ilma ħelu turi li r-riżultati staġnaw. Dan jindika li, biex terġa' titqajjem xejra 'l isfel fil-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti, huma meħtieġa miżuri aktar radikali, li jistgħu jkunu politikament diffiċli biex jiġu adottati. Il-miżuri kurrenti għadhom mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-oġettivi tad-Direttiva dwar in-Nitrati u tad-WFD, kważi 35 u 25 sena wara l-adozzjoni tagħhom, rispettivament. Dan jidher ukoll fl-ambjent tal-baħar, b'mod partikolari fil-Baħar Baltiku, ir-reġjun tal-baħar bl-ogħla proporzjon ta' ilmijiet kostali fejn il-kundizzjonijiet tan-nutrijenti huma problema (58 %). L-ewtrofikazzjoni sseħħ ukoll fin-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana, tul il-kosta tal-Majjistral ta' Franza u qrib il-flussi 'l barra tax-xmajjar fil-Baħar Mediterran. Fl-istess ħin, huma osservati żoni mifruxa li huma neqsin mill-ossiġenu fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar l-Iswed, li huma kkawżati mill-ewtrofikazzjoni, mill-kundizzjonijiet naturali u mit-temperaturi oġħla tal-ilma minħabba l-impatti tat-tibdil fil-klima.

Dan l-istagħnar jista' jiġi spjegat mill-fatt li hemm progress limitat fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-iżvilupp ta' **valutazzjonijiet kwantitattivi tad-distakk** bħala bażi biex jiġi ddeterminat kif titnaqqas it-tagħbija ta' **nutrijenti u pestiċidi**. Il-Kummissjoni għamlet din ir-rakkomandazzjoni matul iċ-ċiklu preċedenti, iżda ftit Stati Membri ppreżentaw it-tnaqqis fit-tagħbija ta' nutrijenti u saħansitra inqas Stati Membri rrapportaw li wettqu valutazzjonijiet tal-effettività tal-miżuri meħuda sa issa.


Fl-istess ħin, xejra ċara u inkoraġġanti hija **ż-żieda kostanti fis-schem tal-art agrikola taħt biedja organika fl-UE**, li normalment tirriżulta f'livelli aktar baxxi ta' tniġġis min-nutrijenti u mill-pestiċidi. Madankollu, il-pass tal-adozzjoni jvarja bejn l-Istati Membri, u jvarja minn kważi 30 % tal-produzzjoni totali tal-biedja fl-Awstrija għal inqas minn 1 % f'Malta (ara l-Illustrazzjoni 8 hawn taħt).

⁴³ [Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina \(europa.eu\).](#)

Illustrazzjoni 8 – Sehem tal-erja agrikola totali utilizzata taħt biedja organika fl-2022 skont l-Istat Membru (Sors: EUROSTAT 2024)⁴⁴

Żona organika, 2022

(% tas-sehem tal-erja agrikola totali utilizzata)



Franza, il-Portugall u s-Slovakkja: stima; Ċipru u l-Montenegro: proviżorji; L-Awstrija: data meħludja direttament mill-Ministeru Federali tal-Agrikoltura, il-Forestrija, il-Resinjoni u l-Ġestjoni tal-Iilma. In-Norveġja, 2021

Il-miżuri bażiċi normalment ikunu fis-seħħ, iżda mhux l-Istati Membri kollha jivvalutaw jekk il-miżuri ppjanati humiex se jkunu biżżejjed biex gradwalment jinkiseb stat tajjeb. Fejn saru valutazzjonijiet tad-distakk, l-Istati Membri jirrapportaw li l-miżuri se jnaqqsu “kompletament” id-distakk meħtieġ biex jitnaqqas it-tniġġis min-nutrijenti u mill-pestiċidi sal-2027. Dan huwa konsistenti mas-sejbiet preċedenti tal-Kummissjoni, inkluż skont id-Direttiva dwar in-Nitrati.

Barra minn hekk, il-miżuri obligatorji huma limitati għal dawk stabbiliti skont il-leġislazzjoni rilevanti tal-UE⁴⁵ u r-rekwiżiti applikabbli (kundizzjonalità u ekoloġizzazzjoni) skont il-politika agrikola komuni (PAK) 2014-2022.

⁴⁴ [Il-biedja organika tal-UE: 16.9 miljun ettaru fl-2022 - Eurostat \(europa.eu\).](https://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&plugin=1&code=sdg-12-2.1)

Jidher li ħafna Stati Membri jimponu restrizzjonijiet fuq l-użu tal-pestiċidi prinċipalment meta jkun meħtieġ li jittejjeb l-istat tal-korpi tal-ilma użati għall-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb. Tali rekwiżiti obbligatorji għall-bdiewa li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jistgħu jiġu appoġġati mill-PAK taħt l-hekk imsejħa pagamenti tad-WFD, iżda dan l-istrument għadu mhux utilizzat biżżejjed⁴⁶.

Diversi miżuri volontarji stabbiliti ta' spiss appoġġati permezz tal-PAK, b'mod partikolari permezz ta' impenji agroambjentali klimatiċi⁴⁷ (AECC, agri-environment climate commitments) u miżuri rilevanti oħra inklużi fil-Programmi ta' Żvilupp Rurali (2014-2022) żviluppanti mill-Istati Membri. Madankollu, dawn il-miżuri, flimkien mal-miżuri bażiċi implimentati, ma kinux biżżejjed biex inaqqsu l-pressjonijiet min-nitrati u l-pestiċidi. Dan seta' kien minħabba varjeta' ta' fatturi inklużi limitazzjonijiet intrinseċi fit-tfassil tal-miżuri volontarji inkwistjoni, il-fatt li l-miżuri ma kinux ipprogrammati biżżejjed mill-Istati Membri, adożzjoni limitata mill-bdiewa, jew adożzjoni limitata fl-aktar żoni affettwati.

Abbażi tal-informazzjoni sottomessa, il-miżuri agrikoli mħabbra taħt it-tieni RBMP ma ġewx implimentati kollha kif ipplanat. L-isfidi rappurtati jinkludu finanzjament insuffiċjenti u dewmien.

Fir-rigward tal-PAK 2023-2027, jista' jkun mistenni kontribut akbar biex jiġi indirizzat it-tniġġis min-nitrati u mill-pestiċidi⁴⁸. Dan jinkludi standards imtejba ta' kundizzjonalità⁴⁹, bħal rekwiżiti msaħħa ta' ġestjoni tal-ħamrija (eż. newba/diversifikazzjoni tal-għeġġel, biċċiet art ta' lqugħ) u rekwiżit ġdid relatat mal-kontrolli fuq sorsi diffużi ta' tniġġis mill-fosfati. L-istrumenti disponibbli taħt il-finanzjament għall-iżvilupp rurali⁵⁰ (l-AECCs inklużi l-biedja organika, l-appoġġ għall-investimenti, il-pagamenti tad-WFD, it-taħriġ/pariri, l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni) għadhom disponibbli u ġew ikkomplementati b'ekoskemi li jappoġġaw prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent/lill-klima; L-Istati Membri jeħtigiġhom jiddedikaw mill-inqas 25 % tal-finanzjament tal-FAEG għal dawn l-iskemi⁵¹. L-appoġġ mill-ekoskemi u l-AECC ikopri fost l-oħrajn ġestjoni mtejba tan-nutrijenti⁵² u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi⁵³.

L-ebda Stat Membru mhu qed juża **limiti għall-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti** biex jivvaluta l-istat ekoloġiku tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ, u xi wħud biss qed jiddeterminaw it-

⁴⁵ B'mod partikolari, id-Direttiva dwar in-Nitrati, ir-Regolament dwar it-tqegħid fis-suq ta' Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009), id-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli (2009/128/KE).

⁴⁶ Erba' Stati Membri (l-Awstrija, id-Danimarka, il-Lussemburgu u Spanja) appoġġaw dawn il-pagamenti taħt il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (2014-2022) u ħames Stati Membri inkludew tali pagamenti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-2023-2027 (l-Awstrija, id-Danimarka, l-Italja, il-Lussemburgu u Spanja). Dawn il-pagamenti ffukaw l-aktar fuq restrizzjonijiet fuq/il-projbezzjoni tal-fertilizzazzjoni u l-użu tal-pestiċidi f'żoni protetti tal-ilma tax-xorb, u miżuri li jnaqqsu n-nitroġenu f'żoni kostali fejn jinġabar l-ilma fil-każ ta' DK.

⁴⁷ Pagamenti għal impenji pluriennali għal prattiki agrikoli li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u lill-klima li jmorru lil hinn mil-linja bażi tar-rekwiżiti obbligatorji.

⁴⁸ Ara "Immappjar u analiżi tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK" (2023-2027) ([file:///C:/Users/faltech/Downloads/mapping%20and%20analysis%20of%20cap%20strategic%20plans-KF0323354ENN%20\(3\).pdf](file:///C:/Users/faltech/Downloads/mapping%20and%20analysis%20of%20cap%20strategic%20plans-KF0323354ENN%20(3).pdf)).

⁴⁹ Il-kundizzjonalità torbot ir-riċeviment sħiħ tal-appoġġ tal-PAK mal-konformità tal-bdiewa u ta' benefiċjarji oħra mal-istandards bażiċi dwar l-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u l-benesseri tal-annimali. L-istandards bażiċi jinkludu rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs, statutory management requirements) u standards għal kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (standards tal-KAAT).

⁵⁰ Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), c.f. Ir-Regolament 1305/2013.

⁵¹ Ara l-Artikolu 97(1) u (2) tar-Regolament 2021/2115.

⁵² L-appoġġ għall-prattiki tal-biedja biex tittejjeb il-ġestjoni tan-nutrijenti huwa pplanat li jitwettaq fi 15,2 % taż-żona agrikola tal-UE.

⁵³ 27 % taż-żona agrikola tal-UE hija pplanata li tkun koperta b'impenji li jwasslu għal użu sostenibbli tal-pestiċidi sabiex jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-pestiċidi bħat-tnixxija tal-pestiċidi.

tnaqqis tat-tagħbija meħtieġ upstream fil-baċin tax-xmara rilevanti. Kif deskritt qabel, dan għandu wkoll impatt fuq il-kisba tal-objettivi stabbiliti fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina peress li, abbażi tad-data rrapportata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 8 tal-MSFD fl-2018, 87 % taż-żona tal-baħar ma kisbitx l-objettiv ta' status ambjentali tajjeb għall-ewtrofikazzjoni.

6.1.2 X'qed isir biex jiġi miġġieled it-tniġġis minn setturi oħra?

It-**tniġġis** minn setturi bħal **insedjamenti urbani**, **l-industrija** jew **l-enerġija** huwa wkoll ta' theddida għall-ambjent akkwatiku u għas-saħħa tal-bniedem permezz tal-ambjent.

Il-miżuri bażiċi biex jiġi indirizzat it-tniġġis minn dawn is-setturi huma ġeneralment fis-seħħ. Dawn jinkludu sistemi ta' awtorizzazzjoni u ta' permessi għall-kontroll tal-iskariki tas-sors lokalizzati tal-ilma mormi, reġistri tal-iskariki tal-ilma mormi, il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni tal-iskariki diretti kollha fl-ilma ta' taħt l-art, u/jew miżuri ddedikati biex jiġi eliminat jew jitnaqqas it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u sustanzi oħra.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ġew implimentati miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati s-sustanzi niġġiesa li qed jikkawżaw nuqqasijiet li jinkiseb stat kimiku jew ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma. Eżempji ta' dawn il-miżuri jinkludu sforzi biex jitnaqqas jew jitwaqqaf ir-rilaxx ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-ilma u r-rimedju ta' siti kkontaminati, l-indirizzar tat-tniġġis storiku fis-sedimenti, l-ilma ta' taħt l-art u l-ħamrija. Madankollu, mhux l-RBMPs nazzjonali kollha jipprovdu l-istess livell ta' dettall f'termini ta' rabta espliċita bejn sustanzi individwali u miżuri speċifiċi għall-ġlieda kontra t-tniġġis. Huwa meħtieġ aktar progress f'dan il-qasam u fl-iżvilupp ta' analiżi tal-lakuni biex jiġi infurmat it-tfassil tal-miżuri.

L-Istati Membri kollha rrapportaw **inventarji ta' emissjonijiet, skariki u telf** ta' sustanzi perikolużi. Madankollu, hemm differenzi kbar fost u fi ħdan l-Istati Membri kemm fil-kopertura tas-sustanzi tossiċi rilevanti kif ukoll fil-kompletezza tagħhom. L-10 sustanzi li għalihom ġew stabbiliti l-aktar inventarji ta' emissjonijiet huma l-merkurju, il-benzo(a)piren, il-fluworanten, il-benzo (g,h,i)perilen (PAHs), in-nikil, iċ-ċomb, u l-kadmju (metalli tqal), u n-nonilfenol (aġenti tensjoattivi mhux joniċi), l-aċidu perfluorooottansulfoniku (PFOS, perfluorooctane sulfonate, tip ta' PFAS) u l-katjonu tat-tributillanda (bijoċidu tossiku ħafna).

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw miżuri bażiċi relatati mal-kostruzzjoni jew mat-titjib tal-impjanti tat-trattamenti tal-ilma mormi filwaqt li rrikonnoxxew li huma meħtieġa sforzi addizzjonali għall-konformità mad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWTD, Urban Waste Water Treatment Directive). Bħalissa, 82 % tal-ilma urban mormi tal-UE jinġabar u jiġi ttrattat f'konformità mal-istandards tal-UE.

L-implimentazzjoni tal-UWWTD riveduta se tkompli tnaqqas it-tniġġis mill-ilma mormi urban. Din tinkludi regoli ġodda dwar it-tifwir tal-ilma tal-maltemp u l-ilma tax-xeba' urban li se jgħinu lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod aktar effettiv dawn il-pressjonijiet li ma kinux ġew koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Filwaqt li d-WFD ma tkoprix it-tniġġis mill-iskart, inkluż il-plastik, dan huwa qasam ewlieni fejn iridu jinħolqu sinerġiji mal-MSFD peress li ammont kbir ħafna ta' plastik fil-baħar jiġi mix-xmajjar. Il-valutazzjoni tal-programmi ta' miżuri skont l-MSFD turi li l-Istati Membri ħadu ħafna miżuri biex jindirizzaw is-sorsi ewlenin tal-iskart, l-ewwel nett permezz ta'

attivitajiet relatati mad-drenaġġ minn żoni urbani u sorsi oħra bbażati fuq l-art (eż. l-industrija, l-agrikoltura). Dan wassal għal tnaqqis stmat ta' 29 % fl-iskart mill-bajjiet bejn l-2015 u l-2021 fil-baċiri tal-baħar kollha tal-UE. Dawn il-miżuri x'aktarx li kellhom ukoll impatt pożittiv fuq ix-xmajjar, il-lagi u l-ilmijiet kostali.

Minħabba l-pressjoni sinifikanti li d-depożizzjonijiet atmosferiċi għadhom joħlqu fuq is-saħħa tal-korpi tal-ilma, l-azzjoni fis-sors biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, inklużi l-uPBTs, li jirriżultaw mill-użu tal-fjuwils fossili permezz tal-approċċ integrat għat-tniġġis f'mezzi ambjentali differenti promossa fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero tibqa' prijorità biex jintlaħqu l-oġettivi tad-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma (WFD). F'dan ir-rigward, l-istandards aktar stretti adottati skont id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent riveduta reċentement, id-Direttiva riveduta dwar l-Emissjonijiet Industrijali, l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament dwar il-Merkurju, u l-isforzi ġenerali tal-UE għad-dekarbonizzazzjoni huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' xi sustanzi individwali li jidħlu fl-ambjent tal-ilma permezz tal-emissjonijiet fl-arja.

6.2 IR-RESTAWR TAX-XMAJJAR, IL-LAGI, L-ILMIJET KOSTALI U L-ILMIJET TA' TAĦT L-ART

6.2.1 Bidliet fil-karatteristiċi fiżiċi u fil-fluss naturali tal-korpi tal-ilma – x'inhu l-livell ta' intervent mill-bniedem fis-sistema tal-ilma?


Għal mijiet ta' snin, l-attivitajiet tal-bniedem biddlu fiżikament il-forma tax-xmajjar, tal-lagi, tal-estwarji u tal-ilmijiet kostali tal-UE billi eliminaw il-karatteristiċi naturali, introduċew infrastruttura konkreta (jiġifieri korpi tal-ilma modifikati ħafna) u ħolqu kanali u ġibjuni ġodda (jiġifieri korpi tal-ilma artifiċjali). Dan kollu rriżulta f'sistemi tal-ilma ġodda, iżda mhux naturali.

L-RBMPs juru differenzi kbar ħafna bejn l-Istati Membri fil-grad ta' intervent tal-bniedem fl-ambjenti akkwatiċi naturali tagħhom. Aktar ma l-intervent tal-bniedem ikun intens, aktar jiġu modifikati l-karatteristiċi tal-korp tal-ilma, b'xi wħud isiru kompletament artifiċjali. Il-proporzjon ta' dawn il-**korpi tal-ilma modifikati ħafna** (HMWBs, heavily modified water bodies) u l-korpi tal-ilma artifiċjali (AWBs, artificial water bodies) żdied bi ftit f'dan iċ-ċiklu ta' rappurtar: 12,4 % minnhom ġew iddeżinjati bħala modifikati ħafna u 4,4 % bħala artifiċjali⁵⁴ fl-20 Stat Membru kkunsidrati fl-analiżi meta mqabbla ma' 11,9 % u 4,1 % fiċ-ċiklu ta' rappurtar preċedenti.

L-Illustrazzjoni 9 ta' hawn taħt tiżvela l-livell għoli ħafna ta' intervent uman f'xi Stati Membri (in-Netherlands, l-Ungerija, il-Ġermanja u l-Belġju) u l-istat naturali ppreżervat tajjeb f'xi oħrajn (bħall-Finlandja u l-Iżvezja).

Illustrazzjoni 9 – Perċentwal ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ li ġew iddeżinjati bħala modifikati ħafna jew artifiċjali fit-tielet RBMPs skont l-Istat Membru

⁵⁴ Madankollu, għad hemm tliet Stati Membri li għalihom id-deżinjazzjoni jew għadha mhijiex kompluta (il-Kroazja, is-Slovakkja) jew qed tiġi riveduta (l-Iżvezja).



Tliet Stati Membri (l-Awstrija, il-Kroazja, is-Slovakkja) irrappurtaw żieda sinifikanti fis-sehem tagħhom ta' HMWBs u AWBs, li jidher li huwa r-riżultat ta' riklassifikazzjoni ta' ċerti korpi tal-ilma u, sa ċertu punt, alterazzjonijiet ġodda. L-Iżvezja hija mistennija wkoll li żżid b'mod sinifikanti s-sehem tagħha stess bħala r-riżultat ta' metodoloġija ġdida.

L-użi ewlenin tal-ilma li skattaw grad għoli ta' intervent mill-bniedem li wassal biex il-korpi tal-ilma jiġu kklassifikati bħala modifikati ħafna huma: (i) il-protezzjoni mill-għargħar (37 %); (ii) l-agrikoltura (skular tal-art 23 %, irrigazzjoni 15 %); (iii) l-enerġija idroelettrika (21 %); (iv) il-provvista tal-ilma tax-xorb (11 %); u (v) żvilupp urban ieħor (10 %).

Minħabba l-karatteristiċi mibdula tagħhom, tali korpi tal-ilma mhumiex meħtieġa jiksbu stat ekoloġiku tajjeb iżda biss potenzjal ekoloġiku tajjeb (GEP, good ecological potential), li jeħtieġ li jiġi definit mill-Istat Membru skont ir-rekwiżiti fl-Anness V tad-WFD".

Huwa inkoraġġanti li wieħed jara li kien hemm titjib metodoloġiku biex jiġi ddeterminat x'jikkostitwixxi GEP kif meħtieġ mid-WFD. Madankollu, l-Istati Membri jkomplu jiddefinixxu l-GEP b'mod differenti u jużaw suppożizzjonijiet u kriterji differenti fil-valutazzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, xi Stati Membri naqsu milli jiddefinixxu l-GEP għall-HMWBs kollha, li jħallihom mingħajr objettivi ċari li għandhom jintlaħqu.

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli fil-WISE għas-16-il Stat Membru⁵⁵ li kien irnexxielhom jirrappurtaw b'mod elettroniku saż-żmien meta dan ir-rapport ġie ffinalizzat, 16,8 % biss tal-HMWBs u l-AWBs kisbu GEP. Madankollu, dan ma jurix differenzi konsiderevoli fost l-Istati Membri (bil-proporzjon ta' korpi tal-ilma rilevanti li jiksbu GEP li jvarja minn xejn fil-Belġju u fin-Netherlands għal madwar nofs fi Spanja u fir-Rumanija).

⁵⁵ Kif disponibbli sal-31 ta' Mejju 2024.

6.2.2 Żoni protetti

Hemm raġunijiet differenti għaliex ċerti korpi tal-ilma huma protetti mil-liġi. Għall-korpi tal-ilma tal-wiċċ, ġew iddeżinjati żoni protetti skont id-Direttivi dwar l-Ilma tax-Xorb, l-Ilma għall-Għawm, il-Habitats u l-Għasafar u n-Nitrati kif ukoll għall-protezzjoni ta' speċijiet akkwatiċi ekonomikament sinifikanti (jiġifieri l-akkwakultura). F'dan iċ-ċiklu ta' rappurtar, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrappurtaw għadd akbar ta' korpi tal-ilma assoċjati ma' żoni protetti ddeżinjati skont leġislazzjoni oħra tal-UE u, kif meħtieġ mid-WFD, għandhom **reġistru aġġornat ta' żoni protetti fis-seħħ**.

Żvilupp pożittiv ħafna huwa li, bi ftit eċċezzjonijiet, jidher li hemm **monitoraġġ aħjar ta' dawn iż-żoni** – probabbilment relatat mat-titjib ġenerali tal-monitoraġġ skont id-WFD.

Il-korpi tal-ilma assoċjati ma' żoni protetti jista' jkollhom bżonn jiksbu objettivi ta' ġestjoni tal-ilma aktar stretti jew speċifiċi, meta mqabbla mal-objettivi ta' stat tajjeb stabbiliti mid-WFD. Dan biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġislazzjoni rilevanti li għandha l-għan li tiproteġi ekosistemi, speċijiet, u ilma tax-xorb u għall-għawm speċifiċi. Dan jista' jinvolvi l-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali.

Kif meħtieġ mid-Direttivi dwar in-Natura, l-Istati Membri stabbilew b'mod predominanti objettivi speċifiċi għall-**habitats u għaż-żoni protetti tal-ispeċijiet (siti ta' Natura 2000)**, għalkemm f'xi każijiet għadha għaddejja ħidma biex jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet eżatti. F'xi każijiet, l-Istati Membri stabbilew ukoll objettivi u miżuri addizzjonali għal **żoni sensitivi** skont l-UWWTD, **l-ilmijiet għall-għawm u ż-żoni ta' salvagwardja tal-ilma tax-xorb** għalkemm l-objettivi jew il-miżuri spiss jiġu rrappurtati f'termini kemxejn ġenerali⁵⁶. Xi Stati Membri b'interess kummerċjali fil-produzzjoni tal-frott tal-baħar bil-qoxra (jew inqas spiss tal-ħut tal-ilma ħelu) iddeżinjaw **żoni protetti għal speċijiet akkwatiċi ekonomikament sinifikanti**⁵⁷. Għaż-żoni tal-frott tal-baħar bil-qoxra, xi Stati Membri (il-Kroazja, in-Netherlands u r-Rumanija) stabbilew l-istess objettivi li kienu fid-Direttivi dwar il-Frott tal-Baħar, li minn dak iż-żmien 'l hawn ġew revokati⁵⁸. Stat Membru wieħed (Franza) japplika standards mikrobijoloġiċi differenti meta mqabbla mad-direttivi mħassra għal dawn l-oqsma kollha. Filwaqt li l-Italja u Spanja japplikaw l-istess standards f'xi oqsma u standards differenti f'oqsma oħra. Għall-Polonja, l-informazzjoni dwar l-istandards mhijjex ċara.

Fejn ġew stabbiliti objettivi addizzjonali, dawn intlaħqu b'mod predominanti għaż-żoni ta' salvagwardja tal-ilma tax-xorb, għaż-żoni ddeżinjati għall-frott tal-baħar bil-qoxra u għall-ilmijiet għall-għawm, filwaqt li nkiseb biss sehem żgħir mill-objettivi stabbiliti għas-siti ta' Natura 2000.


⁵⁶ Għall-habitats u ż-żoni protetti tal-ispeċijiet, xi Stati Membri rrappurtaw miżuri, filwaqt li oħrajn irreferew b'mod ċar għall-pjanijiet ta' ġestjoni skont id-direttivi rilevanti (l-Għasafar u l-Habitats). F'xi każijiet, għal dawn iż-żoni protetti, huwa preżunt li l-ilħuq ta' stat tajjeb skont id-WFD huwa biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi addizzjonali.

⁵⁷ Dawn huma l-Kroazja, Franza, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija u Spanja għall-frott tal-baħar bil-qoxra u l-Kroazja, l-Italja u l-Latvja għall-ħut tal-ilma ħelu.

⁵⁸ Dik li kienet id-Direttiva 2006/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma ħelu li għandu bżonn protezzjoni jew titjib sabiex tkun sostnuta l-ħajja tal-ħut, u d-Direttiva 2006/113/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski, li l-validità tagħhom intemmet fl-2013. Skont id-WFD, il-livell ta' protezzjoni minn dawn id-Direttivi revokati għandu jinżamm permezz tal-inklużjoni taż-żoni, iddeżinjati skont id-Direttivi preċedenti dwar il-Ħut u l-Frott tal-Baħar bil-Qoxra, bħala żoni protetti skont id-WFD.

Sfortunatament, fi kważi l-Istati Membri kollha, id-deżinjazzjoni taż-żoni protetti ma tidhirx li twassal għat-titjib mistenni fl-istat ġenerali tal-korpi tal-ilma. Għall-kuntrarju, kif muri fl-Illustrazzjoni 10 hawn taħt, id-data turi **żieda fl-għadd ta' korpi tal-ilma assoċjati ma' żoni protetti fi stat ħażin** meta mqabbla maċ-ċiklu preċedenti. Dan jista' jkun parzjalment relatat mat-tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' żoni bi stat mhux magħruf. Madankollu, jikkonferma wkoll progress limitat fl-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar in-Natura meta mqabbel mal-perjodu 2013-2018 ivvalutat fir-rapport “L-Istat tan-Natura” tal-2020. Dan ir-rapport żvela li 17 % biss tal-ħabitats protetti tax-xmajjar, tal-lagi, tal-alluvjali u riparji kienu fi stat ta' konservazzjoni tajjeb, u maġġoranza kbira tal-ħut u tal-ispeċijiet amfibji protetti kienu fi stat ta' konservazzjoni fqir jew ħażin (80 % u 60 % tal-popolazzjoni, rispettivament)⁵⁹. Dan jissuġġerixxi li d-deżinjazzjoni ta' “żona protetta” għadha ma tiżgurax ġestjoni aħjar tal-ilma meħtieġa biex jiġu protetti l-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art f' dawn iż-żoni.

Illustrazzjoni 10 – Stat tal-korpi tal-ilma f'żoni protetti abbażi tat-tieni u t-tielet data tal-RBMP (Sors: It-tielet rappurtar elettroniku tal-RBMP)



6.2.3 X'qed isir biex jitnaqqsu l-pressjonijiet idromorfoloġiċi u tiġi rrestawrata n-natura?

L-alterazzjonijiet fiżiċi u idroloġiċi huma rrapportati bħala pressjoni sinifikanti fi kważi d-distretti kollha tal-baċini tax-xmajjar. Is-setturi li jikkawżaw din il-pressjoni sinifikanti jinkludu l-agrikoltura (kemm l-irrigazzjoni kif ukoll l-iskular), l-enerġija idroelettrika, il-protezzjoni mill-għargħar, in-navigazzjoni, u l-provvista tal-ilma tax-xorb.

⁵⁹ L-Istat tan-natura fl-UE - Riżultati mir-rappurtar skont id-direttivi dwar in-natura 2013-2018; <https://www.eea.europa.eu/publications/state-of-nature-in-the-eu-2020>.

L-Istati Membri kollha rrapportaw miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-impatti ambjentali negattivi tal-**pressjonijiet idromorfoloġiċi** billi jtejbu r-reġim tal-fluss, jirrestawraw il-kontinwità tax-xmajjar u jiżguraw li l-flussi ekoloġiċi jiġu rrispettati. Dan jinkludi l-bini ta' passaġġi għall-ħut, it-twaqqiġ ta' ostakli qodma u obsoleti, ir-restawr tax-xmajjar billi jittejbu ż-żoni riparji u l-pjanuri tal-għargħar u r-restawr tax-xtut tax-xmajjar għall-istat naturali tagħhom. Pereżempju, abbażi ta' rapport reċenti ta' Dam Removal Europe⁶⁰ – koalizzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi – tneħħew 487 ostaklu fi 15-il pajjiż Ewropew fl-2023, żieda ta' 50 % fuq in-numru rekord tal-2022. Franza tidher li hija fuq quddiem, segwita minn Spanja, l-Iżvezja, id-Danimarka u l-Estonja. Dawn il-miżuri jistgħu jikkontribwixxu għall-25 000 km ta' xmajjar ġierja, il-mira tal-2030 stabbilita skont l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità u l-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura adottata reċentement⁶¹. Madankollu, il-frammentazzjoni tax-xmajjar u d-degradazzjoni tal-ħabitats u l-ispeċijiet akkwatiċi u dipendenti fuq l-ilma tal-UE protetti, b'mod partikolari l-artijiet mistagħdra u l-pjanuri tal-għargħar, għadhom sfida ewlenija.

Filwaqt li mhux l-ostakli kollha fix-xmajjar huma relatati mal-produzzjoni tal-enerġija idroelektrika, l-impjanti idroelektriċi (HPPs, hydropower plants) għadhom pressjoni sinifikanti ħafna fuq l-istat ekoloġiku f'diversi Stati Membri minħabba t-tfixkil tal-kontinwità tax-xmajjar b'impatti kbar fuq il-migrazzjoni tal-ħut, il-mortalità tal-ħut u l-bidliet fil-flussi idroloġiċi u l-moviment tas-sedimenti. Ir-rinnovazzjoni tal-HPPs eżistenti, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ta' benefiċċju għal kulħadd li jistgħu jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-oġettivi tad-WFD, ġeneralment għandha tingħata prijorità fuq HPPs ġodda. Għandhom isiru aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-operati ta' tali impjanti jkunu aktar sostenibbli u adattati għall-kundizzjonijiet idroloġiċi li qed jevolvu marbuta mal-aċċellerazzjoni tal-impatti tat-tibdil fil-klima. Dan jinkludi r-rieżami perjodiku tal-permessi, inklużi miżuri ta' mitigazzjoni biex jitnaqqsu l-impatti tal-operat tal-HPPs.

Ftit Stati Membri biss (l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Polonja, ir-Rumanija) jirrapportaw speċifikament li jiprijoritizzaw **soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura** fuq miżuri oħra.

Id-determinazzjoni u l-implimentazzjoni ta' **flussi ekoloġiċi (flussi elettroniċi)**⁶² minimi huma essenzjali għas-salvagwardja tal-istat ekoloġiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ. Madankollu, huwa sors ta' tħassib serju li din il-ħidma miexja bil-mod f'ħafna Stati Membri. Barra minn hekk, minkejja l-gwida fil-livell tal-UE, hemm nuqqas ta' konsistenza fil-mod kif jiġu definiti l-flussi elettroniċi. Bi ftit eċċezzjonijiet, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri d-definizzjoni ta' flussi elettroniċi għadha qed tiġi żviluppata, u l-implimentazzjoni reali tagħhom fil-prattika qed tavvanza bil-mod u spiss għal xi korpi tal-ilma biss. Ir-rispett tal-flussi elettroniċi jidher li huwa marbut b'mod ċar mal-ġhoti u r-reviżjoni tal-permessi għall-estrazzjoni f'xi każijiet.

⁶⁰ [New Report: Dam Removal Movement Breaks Barriers and Records - Dam Removal Europe](#). Id-data ġiet ipprovduta minn ministeri, muniċipalitajiet, aġenziji tal-ilma, trusts tax-xmajjar, NGOs, xjentisti, ricerkatuiri u prattikanti tar-restawr tax-xmajjar.

⁶¹ ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024.

⁶² Għall-fini tad-WFD, fluss ekoloġiku huwa “reġim idroloġiku konsistenti mal-kisba tal-oġettivi ambjentali fil-korpi tal-ilma tal-wiċċ naturali kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)”. Fi kliem ieħor, huwa l-“ammont tal-ilma meħtieġ għall-ekosistema akkwatika biex tkompli tikber u titqawwa u tipprovd i s-servizzi li niddependu fuqhom”.

6.2.4 X'qed jagħmlu l-Istati Membri biex inaqqsu l-estrazzjonijiet u jindirizzaw l-iskarsezza tal-ilma?

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn in-nixfiet (livell aktar baxx ta' preċipitazzjoni) u l-iskarsezza tal-ilma (żbilanċ aktar sistemiku bejn l-ilma disponibbli u d-domanda). L-iskarsezza tal-ilma hija meqjusa bħala kwistjoni li qed tikber fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, b'estrazzjonijiet eċċessivi rrapportati bħala responsabbli għan-nuqqas ta' kisba ta' stat kwantitattiv jew ekoloġiku tajjeb fi porzjon sinifikanti tal-korpi tal-ilma⁶³.

Hemm **differenzi sinifikanti fl-użu tal-ilma** f'reġjuni differenti fl-UE. Fl-2019⁶⁴, fil-livell tal-UE, l-estrazzjoni għat-tkessiġ fil-ġenerazzjoni tal-elettriku kienet l-akbar kontributor għall-estrazzjoni totali annwali tal-ilma (32 %), segwita mill-estrazzjoni għall-agrikoltura (28 %), il-provvista pubblika tal-ilma (20 %), il-manifattura (13 %) u t-tkessiġ fil-manifattura (5 %), bl-estrazzjoni minerarja, mill-barrieri u l-kostruzzjoni jammontaw għal 1 % biss tal-estrazzjoni totali kull wieħed. Madankollu, l-agrikoltura, inklużi l-attivitajiet tat-trobbija tal-bhejjem, hija l-akbar konsumatur nett⁶⁵ b'59 % tal-konsum tal-ilma tal-UE fl-2019⁶⁶ peress li l-biċċa l-kbira tal-ilma estratt jew jiġi kkunsmat mill-għelejjel u mill-annimali tal-irziezet jew jevapora, minflok ma jiġi rritornat fl-istess sors li minnu ġie estratt. Setturi ewlenin oħra li jikkunsmaw l-ilma huma t-tkessiġ għall-manifattura u l-ġenerazzjoni tal-elettriku (17 %), l-unitajiet domestiċi u s-servizzi (13 %) u l-estrazzjoni minerarja, mill-barrieri, il-kostruzzjoni u l-manifattura (11 %). L-analiżi tal-EEA turi li, bejn l-2000 u l-2019, kien hemm tnaqqis ta' 17,6 % fl-estrazzjoni tal-ilma, li jirrifletti l-miżuri ta' politika implimentati skont id-WFD.

Madankollu, filwaqt li l-estrazzjoni naqset f'xi setturi, bħal pereżempju għat-tkessiġ fil-ġenerazzjoni tal-elettriku (-27 %), din żdiedet f'oħrajn. Pereżempju, l-estrazzjoni tal-ilma għat-tkessiġ fil-manifattura kważi triplat, u l-estrazzjoni għall-provvista pubblika tal-ilma żdiedet b'4 %, b'żieda partikolarment qawwija mill-2010 (14 %). L-estrazzjoni tal-ilma għall-agrikoltura naqset bi 15 % matul l-istess perjodu 2000-2019, iżda, mill-2010, żdiedet bi 8 %, prinċipalment minħabba ż-żieda fid-domanda għall-irrigazzjoni fin-Nofsinhar tal-Ewropa fejn l-iskarsezza tal-ilma hija aggravata mit-tibdil fil-klima. Għalhekk hemm hteġa dejjem aktar konvinċenti li jiġu adottati bidliet fil-prattiki, inkluż użu ħafna aħjar tal-użu mill-ġdid tal-ilma f'konformità mar-Regolament tal-2020 dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, u li ssir bidla għal għelejjel aktar adattati għall-kundizzjonijiet idroloġiċi speċifiċi għar-reġjun, kif ukoll ġestjoni mtejbja tal-ħamrija. Mingħajr bidliet bħal dawn, id-domanda għall-ilma għat-tisqija agrikola se tiżdied ukoll b'mod sinifikanti f'reġjuni fejn, sal-lum, hemm irrigazzjoni limitata: dan se jaggrava biss l-iskarsezza tal-ilma.

⁶³ Fost it-13 pajjiż li għalihom l-informazzjoni hija disponibbli bis-saħħa tar-rappurtar elettroniku, l-estrazzjonijiet tal-ilma huma rrapportati bħala responsabbli għan-nuqqas li jinkiseb stat kwantitattiv jew ekoloġiku tajjeb fi Spanja (25 %), l-Ungerija (20 %), l-Italja (19 %), Franza (11 %) u l-Belġju (11 %) fir-rigward tal-ilma ta' taħt l-art u Franza (17 %), l-Awstrija (12 %), Spanja (11 %), l-Italja (9 %) u l-Kroazja (8 %) fir-rigward tal-ilmijiet tal-wiċċ. Għalkemm naqsu milli jissottomettu r-rapporti tagħhom, din hija magħrufa wkoll bħala kwistjoni sinifikanti f'Ċipru, fil-Greċja u f'Malta.

⁶⁴ L-analiżi tal-EEA tal-estrazzjonijiet tal-ilma bejn l-2000 u l-2019,


<https://www.eea.europa.eu/en/analysis/indicators/water-abstraction-by-source-and>.

⁶⁵ Skont ir-Rapport tal-EEA 12/2021 "Ir-riżorsi tal-ilma madwar l-Ewropa — niffaċċjaw l-istress idriku: valutazzjoni aġġornata", il-"konsum tal-ilma" huwa l-parti tal-ilma użat li ma jiġix irritornat fl-ilma ta' taħt l-art jew fl-ilma tal-wiċċ minħabba li huwa inkorporat fi prodotti (eż. ikel u xorb) jew ikkunsmat mid-djar (eż. ilma tax-xorb) jew bhejjem.

⁶⁶ Ir-rapport tal-EEA 7/2024, *L-istat tal-ilmijiet tal-Ewropa 2024. Il-hteġa għal reżiljenza mtejbja tal-ilma* (<https://www.eea.europa.eu/en/analysis/publications/europes-state-of-water-2024>).

Il-PAK 2023-2027 qed tappoġġa l-isforzi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-ilma fl-agrikoltura. Il-kundizzjonalità ssaħħet biex tinkludi fost l-oħrajn standard ġdid⁶⁷ li jkopri l-kontrolli fuq l-estrazzjoni. Fost l-oħrajn, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri jipprovdu appoġġ sinifikanti għal prattiki biex tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija, b'effetti pożittivi fuq il-kapaċità tal-ħżin tal-ilma b'mira li tkopri 47 % taż-żona agrikola tal-UE b'tali appoġġ. L-investimenti fit-titjib tal-effiċjenza tal-installazzjonijiet tal-irrigazzjoni, l-użu tal-ilma riċiklat għat-tisqija u l-ġbir tal-ilma tax-xita jistgħu jiġu appoġġati wkoll. Madankollu, fir-reġjuni l-aktar affettwati mill-iskarsezza tal-ilma jeħtieġ li jiġi previst appoġġ għal bidliet trasformattivi aktar sistemiċi lejn sistemi ta' produzzjoni inqas intensivi fl-użu tal-ilma.

Illustrazzjoni 11 – L-estrazzjoni tal-ilma skont is-settur ekonomiku fis-27 Stat Membru tal-UE, 2000-2019 (EEA, 2022)



⁶⁷ Ir-rekwiżit statutorju ta' ġestjoni 1 (SMR1, statutory management requirement 1) dwar il-kontrolli fuq l-estrazzjoni u s-sekwestru u l-kontrolli fuq it-tniġġis diffuż mill-fosfati (l-Artikoli 11 (3)(e) u (h) tad-WFD).

B'mod ġenerali ġew stabbiliti miżuri bażiċi u supplimentari biex titnaqqas l-**estrazzjoni**, iżda l-implimentazzjoni tagħhom hija inkonsistenti madwar l-Ewropa. Dawn il-miżuri jiffukaw fuq il-kontroll tal-estrazzjonijiet, l-effiċjenza u l-użu mill-ġdid tal-ilma, iż-żamma naturali tal-ilma, il-flussi elettroniċi, ir-riċerka u l-bini tal-għarfien. Kien hemm xi tentattivi notevoli biex jitnaqqas il-konsum tal-ilma, bħall-Pjan Franċiż il-ġdid dwar l-Ilma li għandu mira li jnaqqas l-estrazzjonijiet b'10 % sal-2030.

Kif irrappurtat fl-2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)⁶⁸, l-Istati Membri għamlu progress fl-istabiliment ta' **sistemi ta' awtorizzazzjoni minn qabel għall-estrazzjoni tal-ilma**, sistemi għad-detezzjoni tal-użu illegali tal-ilma u f'xi każijiet mekkaniżmi tal-ipprezzar bil-potenzjal li jinċentivaw l-effiċjenza fl-użu tal-ilma. Madankollu, il-fatt li ħafna minnhom jeżentaw estrazzjonijiet żgħar mill-ispezzjonijiet jew mir-reġistrazzjoni huwa problematiku. Dan jista' jwassal għall-impatt kumulattiv ta' ħafna estrazzjonijiet żgħar kontinwi f'baċin ta' xmara sħiħ, li jaffettwaw b'mod negattiv l-istat tal-korpi tal-ilma, b'mod partikolari fl-Istati Membri li diġà qed jiffaċċjaw problemi ta' skarsezza tal-ilma. Filwaqt li nnutat li diversi Stati Membri introduċew mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-ilma li jinċentivaw l-użu effiċjenti tal-ilma tat-tisqija, il-QEA identifikat ukoll bħala problematika l-prattika ta' prezzijiet tal-ilma ferm aktar baxxi fl-agrikoltura minn bnadi oħra fl-ekonomija, inklużi derogi għall-irrigazzjoni.

Il-frekwenza li biha l-Istati Membri **jirrevedu l-permessi tal-estrazzjoni**, kif meħtieġ mid-WFD⁶⁹, hija differenti ħafna, u tvarja minn 6 snin sa diversi deċennji jew saħansitra perjodi ta' żmien indefiniti. Din is-sitwazzjoni xi drabi tagħmilha impossibbli li titqies b'mod xieraq is-sitwazzjoni li qed tevolvi fil-korpi tal-ilma, inkluż minn perspettiva tat-tibdil fil-klima. Il-Kummissjoni bħalissa hija involuta fl-infurzar tal-obbligu li jiġu riveduti tali permessi biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jimplementaw b'mod korrett⁷⁰.

Il-kwistjoni tal-**estrazzjoni tal-ilma mhux awtorizzata/illegali** (jiġifieri l-estrazzjoni jew mingħajr permess jew mingħajr il-kundizzjonijiet tal-permess) tissemma b'mod espliċitu biss f'xi RBMPs minn erba' Stati Membri. Madankollu, il-problema ġiet rikonoxxuta wkoll f'partijiet oħra tal-Ewropa. Anke fejn imsemmija, dawn ir-referenzi normalment ma jkollhomx kwantifikazzjoni tal-kwistjoni u x-xejriet attwali meta mqabbla mat-tieni RBMPs. F'xi wħud minn dawn il-pajjiżi, għaddejjin sforzi biex jingħalqu bjar illegali biex tiġi evitata approprjazzjoni illegali bħal din ta' din ir-riżorsa komuni.

Bħal fil-passat, diversi Stati Membri qed jindirizzaw l-iskarsezza tal-ilma billi jiffukaw il-miżuri tagħhom fuq iż-żieda fil-provvista. Dawn il-miżuri jinkludu t-tħaffir ta' **bjar ġodda**, il-bini ta' **digi u ġibjuni ġodda**, l-**espansjoni tal-infrastruttura tal-irrigazzjoni għall-agrikoltura** u l-**kostruzzjoni ta' infrastruttura fuq skala kbira għat-trasferiment tal-ilma u impjanti tad-desalinizzazzjoni**. Madankollu, fl-RBMPs tingħata informazzjoni limitata ħafna dwar tali miżuri, inkluż fir-rigward tal-vijabbiltà ambjentali u ekonomika tagħhom u l-kunsiderazzjoni ta' xenarji klimatiċi fit-tul.

⁶⁸ Ir-rapport Speċjali Nru 20/2021: L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura tal-UE.

⁶⁹ L-Artikolu 11(3)(e) tad-WFD jirrikjedi li l-Istati Membri jwettqu rieżamijiet obbligatorji regolari.

⁷⁰ Intbagħtu ittri ta' intimazzjoni dwar dan is-suġġett lill-Awstrija, il-Finlandja, in-Netherlands u s-Slovenja; għall-Irlanda, il-kwistjoni hija ttrattata fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur li ilha għaddejja għal nuqqas ta' traspożizzjoni korretta ta' diversi dispożizzjonijiet tad-WFD, inkluż l-Artikolu 11.

6.3 L-INDIRIZZAR TAL-KRIŻI KLIMATIKA

Kif deskritt fil-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa⁷¹ u kif rikonoxxut mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi⁷², l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jsiru aħjar b'mod sinifikanti fit-tnejn għar-riskji klimatiċi u fl-indirizzar effettiv tagħhom⁷³. L-evidenza li t-tibdil fil-klima diġà qed ikollu impatt sostanzjali fuq l-okkorrenza u s-severità tar-riskji relatati mal-ilma, bħan-nixfiet u l-għargħar, fil-biċċa l-kbira tal-Ewropa qed tiżdied⁷⁴. Għalhekk, it-tiżiħ tar-reżiljenza tal-ilma⁷⁵ permezz tal-implimentazzjoni effettiva tad-WFD u tal-FD huwa prerekwiżit biex jintlaħqu l-oġġettivi tar-reżiljenza għall-klima tal-liġi Ewropea dwar il-klima⁷⁶ u l-istrateġija ta' adattament tal-UE⁷⁷. Fl-istess ħin, l-oġġettivi tad-WFD u l-FD jistgħu jintlaħqu biss billi jitqiesu bis-sħiħ l-impatti tat-tibdil fil-klima.

6.3.1 Ġew ikkunsidrati kif xieraq ir-reżiljenza għall-klima u l-ġestjoni tar-riskju ta' nixfa?

Għalkemm l-obbligu li l-RBMPs jiġu adattati għat-tibdil fil-klima mhuwiex iddikjarat b'mod espliċitu fid-WFD, l-approċċ gradwali u ċikliku tal-proċess tal-ippjanar tad-WFD huwa adattat sew għall-ġestjoni tal-impatti tat-tibdil fil-klima b'mod adattiv.

Għadd dejjem akbar ta' Stati Membri rrapportaw kunsiderazzjoni sistemika tal-impatti tat-tibdil fil-klima u sforz biex jallinjaw il-programm ta' miżuri tagħhom mal-pjan nazzjonali tagħhom ta' adattament għat-tibdil fil-klima. 70 % tal-Istati Membri vvalutati (14 minn 20) irrappurtaw li lestew analiżi ta' kif it-tibdil fil-klima qed jaffettwa l-korpi tal-ilma tagħhom. Madankollu, spiss ma jkunx ċar jekk u sa liema punt ir-riżultat ta' tali analiżi għen biex jiġu identifikati l-pressjonijiet ewlenin u jiġu ddeterminati l-miżuri l-aktar effettivi.

Fit-tielet RBMPs, l-effetti tat-tibdil fil-klima kienu fil-biċċa l-kbira marbuta ma' nixfiet u inqas disponibbiltà tal-ilma, anke jekk l-għargħar kompli jkun ta' tħassib kbir. Il-biċċa l-kbira

⁷¹ EEA (2024), Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa. Nru 1/2024,

<https://www.eea.europa.eu/publications/european-climate-risk-assessment>. L-Ewropa hija l-kontinent bl-aktar tiżiħ rapidu fid-dinja. Is-sħana estrema qed issir aktar frekwenti filwaqt li x-xejriet ta' preċipitazzjoni qed jinbidlu. Ħalbiet ta' xita qawwija u preċipitazzjonijiet estremi oħra qed jiżdiedu fis-severità, u fis-snin riċenti ġie esperjenzat għargħar katastrofiku f'diversi reġjuni. Fl-istess ħin, in-Nofsinhar tal-Ewropa jista' jistenna tnaqqis konsiderevoli fl-ammonti ta' xita ġenerali u nixfiet aktar gravi.

⁷² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi - niproteġu l-poplu u l-prosperità, COM (2024) 91 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52024DC0091>.

⁷³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi – niproteġu l-poplu u l-prosperità, COM (2024) 91 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52024DC0091>.

⁷⁴ It-temperaturi fl-Ewropa żdiedu aktar mid-doppju tal-medja globali matul l-aħħar 30 sena – l-ogħla fi kwalunkwe kontinent fid-dinja, rapport ta' Novembru 2022, l-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija, <https://wmo.int/publication-series/state-of-climate-europe-2022> u t-Tibdil fil-Klima 2022: Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà, https://www.ipcc.ch/report/ar6/wg2/downloads/report/IPCC_AR6_WGII_FullReport.pdf.

⁷⁵ Il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima għet enfasizzata fl-Istrateġija tal-UE tal-2021 dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima tal-2021.

⁷⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (“il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”).

⁷⁷ COM (2021) 82 final - il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima”.

tal-Istati Membri fasslu dawn l-impatti klimatiċi madwar l-effetti tagħhom fuq l-agrikoltura (riskji ta' irrigazzjoni), in-navigazzjoni interna u l-ġenerazzjoni tal-enerġija (idroenerġija, xi enerġija termali). Din hija differenza konsiderevoli mit-tieni RBMP, fejn l-ilma żejjed (jiġifieri l-ġhargħar) tqies bħala l-impatt ewlieni fuq il-klima. Dan huwa koerenti wkoll maż-żieda fit-tħassib dwar l-iskarsezza tal-ilma fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri deskritt fit-taqsimha 6.2.4 hawn fuq. Huwa importanti li, għalkemm mhux legalment meħtieġa skont id-WFD, 16 mill-20 Stat Membru vvalutaw in-nixfiet bħala okkorrenza sinifikanti; għadd dejjem akbar ta' Stati Membri rrapportaw li kienu żviluppaw jew kienu qed jiżviluppaw pjanijiet ta' ġestjoni tan-nixfa fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew tal-RBD.

It-tibdil fil-klima qed ikollu wkoll impatt dejjem akbar fuq il-kwalità tal-ilma f'diversi Stati Membri. Għadd dejjem akbar ta' Stati Membri invokaw l-**eżenzjoni tal-Artikolu 4(6) talli temporanjament naqsu milli jiksbu stat ekoloġiku tajjeb minħabba nixfiet fit-tul.**

Xi Stati Membri dan l-aħħar żviluppaw strateġiji nazzjonali dwar l-ilma (eż. Franza u l-Ġermanja) b'rispons għaż-żieda fl-għadd ta' nixfiet. Dawn huma komplementari għall-RBMPs iżda ma ġewx ikkunsidrati fir-rapporti tal-Istati Membri. Madankollu, dawn l-istrateġiji nazzjonali jistgħu jinkludu miżuri addizzjonali importanti li għandhom jiġu implimentati mal-RBMPs b'mod koeżiv.

Fir-rigward tal-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar, is-sejbiet mill-valutazzjoni tat-tieni FRMPs u ż-żewġ passi⁷⁸ qabel l-FRMPs huma inkoraġġanti. L-Istati Membri kollha (meta mqabbla ma' nofs biss fl-ewwel valutazzjonijiet preliminari tar-riskju ta' għargħar) ikkunsidraw it-tibdil fil-klima fit-tieni valutazzjonijiet preliminari tagħhom tar-riskju ta' għargħar (PFRAs, preliminary flood risk assessments) u kważi kollha kkunsidrawh fit-tieni mapep tagħhom tal-periklu u r-riskju ta' għargħar (FHRMs, flood hazard and risk maps) (meta mqabbla wkoll man-nofs biss qabel), minkejja li dan mhuwiex meħtieġ b'mod espliċitu għall-mapep fl-FD. Fit-tieni FRMPs, il-21 Stat Membru vvalutati kollha pprovdew evidenza li l-impatti tat-tibdil fil-klima ġew ikkunsidrati (meta mqabbla ma' aktar minn terz qabel). Kważi l-Istati Membri kollha, meta mqabbla ma' nofs biss fl-ewwel ċiklu, iddiskutew xenarji klimatiċi futuri fl-FRMPs tagħhom b'perjodi ta' żmien li jvarjaw (bejn l-2030 u l-2115). Kważi l-Istati Membri kollha għamlu l-konnessjoni mal-istrateġiji nazzjonali ta' adattament tagħhom (meta mqabbla ma' inqas minn nofs għall-ewwel FRMPs).

6.3.2. Il-progress lejn ir-reżiljenza għall-klima skont id-Direttiva dwar l-Għargħar

L-għargħar huwa l-aktar riskju komuni fil-Valutazzjonijiet tar-Riskju Nazzjonali tal-Istati Membri⁷⁹. Kif indikat fl-EUCRA, l-Ewropa qed tiffaċċja għadd akbar ta' perikli klimatiċi li huma aktar qawwjin, inkluż preċipitazzjoni qawwija li twassal għal għargħar pluvjali u fluvjali, u żieda fil-livell tal-baħar li twassal għal għargħar kostali.

Sar progress notevoli fil-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar madwar l-UE mill-introduzzjoni tad-Direttiva tal-2007 dwar l-Għargħar. L-FRMPs huma l-għodda ewlenija biex jittaffew il-konsegwenzi negattivi potenzjali tal-għargħar u huma t-tielet approċċ ċikliku fi tliet stadji introdott mill-FD. L-FRMPs kurrenti, li huma t-tieni sett, ikopru 2022-2027 bħat-tielet

⁷⁸ Il-valutazzjonijiet preliminari tar-riskju ta' għargħar u l-mapep tal-periklu u tar-riskju ta' għargħar.

⁷⁹ COM (2024) 130 final - Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress dwar l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (id-Deċiżjoni 1313/2013/UE) Il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri fl-Ewropa.

RBMPs. Iż-żewġ stadji quddiem l-FRMPs, jiġifieri t-tieni PFRAs⁸⁰ u t-tieni FHRMs, twettqu mill-Istati Membri qabel. It-tnejn li huma ġew ivvalutati mill-Kummissjoni⁸¹.

F'termini ta' kompletezza, il-21 Stat Membru kollha li rrapportaw fil-ħin biex jitqiesu f'din il-valutazzjoni pprovdew informazzjoni kuntestwali fl-FRMPs tagħhom dwar il-PFRAs u l-FHRMs tagħhom

Meta mqabbla maċ-ċiklu preċedenti, il-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar tjebet fl-Istati Membri vvalutati. L-Istati Membri kollha stabbilew objettivi għall-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar. Xi wħud stabbilew ftit objettivi wiesgħa appoġġati minn objettivi sekondarji aktar speċifiċi, u oħrajn ippreżentaw għadd ta' objettivi aktar dettaljati, meta mqabbla mal-passat. Kollha kemm huma inkludew miżuri biex jilħqu l-objettivi tagħhom.

Għadd zġħir ta' Stati Membri stabbilew miri li jippermettu li l-progress jiġi vvalutat b'mod kwantitattiv meta mqabbel maċ-ċiklu preċedenti. Madankollu, diversi Stati Membri jagħmlu rabta ċara bejn il-miżuri fil-pjanijiet u l-objettivi li dawn il-miżuri huma maħsuba li jiksbu. Meta jitqabblu l-istess Stati Membri, 14 għandhom din ir-rabta ċara fil-pjanijiet tagħhom meta mqabbla ma' sebgħa biss fil-pjanijiet preċedenti.

Il-pjanijiet jinkludu progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri aktar milli l-progress lejn il-miri stabbiliti mill-objettivi għat-tnaqqs tar-riskji tal-għargħar. Għalhekk huwa diffiċli li wieħed jikkonkludi kemm kienet effettiva l-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar madwar l-UE.


L-għadd ta' miżuri fl-FRMPs ivarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, u jvarja minn inqas minn 100 għal aktar minn 10 000 miżura. Din il-varjazzjoni tiddependi fuq id-daqs tal-pajjiż, l-ammont ta' żoni ta' riskju potenzjali sinifikanti ta' għargħar u l-għażla ta' miżuri individwali jew raggruppati.

Ilustrazzjoni 12 – Sehem tal-miżura skont it-tip (prevenzjoni, protezzjoni, tħejjija, irkupru)

⁸⁰ Hemm madwar 14 000 żona b'riskju ta' għargħar sinifikanti potenzjali (APSRs, areas of potential significant flood risk) fl-UE, għal ħarsa ġenerali ara l-viewer taż-żoni ta' riskju ta' għargħar disponibbli fuq <https://discomap.eea.europa.eu/floodsvviewer/>.

⁸¹ Għall-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tat-tieni PFRAs tal-Istati Membri, ara d-dokumenti ppubblikati taħt is-Sitt Rapport ta' Implimentazzjoni. Għall-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tat-tieni FHRMs tal-Istati Membri u tat-tieni FRMPs, ara d-dokumenti taħt is-Seba' Rapport ta' Implimentazzjoni attwali, https://environment.ec.europa.eu/topics/water/water-framework-directive/implementation-reports_en.

Sehem medju tal-miżuri fil-ġabra ġenerali ta' miżuri



Hemm żewġ raggruppamenti wiesgħa ta' Stati Membri: wieħed jikkonsisti minn Stati Membri li jagħtu prijorità lill-miżuri ta' prevenzjoni u/jew ta' tħejjija, u r-raggruppament l-ieħor ta' Stati Membri jiprijoritizza l-protezzjoni. Għalkemm il-miżuri ta' protezzjoni għadhom l-aktar irrappurtati ta' spiss fit-tieni FRMPs, il-miżuri ta' prevenzjoni u tħejjija issa jammontaw għal sehem kemxejn akbar mit-total tal-UE. F'termini ta' miżuri mhux strutturali⁸², l-FRMPs kollha vvalutati jirreferu għall-ippjanar spazjali. Madankollu, ir-referenzi għal oqfsa legali jew ta' politika li jorbtu l-ippjanar spazjali u l-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar kienu biss fi tmienja mill-21 Stat Membru vvalutati. Huwa inkoraġġanti li l-Istati Membri kollha jinkludu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura f'uħud mill-FRMPs tagħhom jew fl-FRMPs kollha tagħhom; madankollu, għad ma hemm l-ebda evidenza ta' bidla notevoli fil-prattika f'termini ta' adozzjoni fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura minflok l-infrastruttura tradizzjonali jew ikkombinata magħha. Għalkemm l-FD ma ssemmix l-assigurazzjoni, 12 mill-21 Stat Membru jagħmlu mill-inqas referenza għaliha. Dan jikkonferma r-rwol siewi li l-assigurazzjoni bħala mekkaniżmu ta' trasferiment tar-riskju jista' jkollha fil-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima.

Xejra pożittiva hija dik ta' kif l-Istati Membri jagħtu prijorità lill-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar. L-Istati Membri kollha pprijoritizzaw il-miżuri jew ipprovdew perġodu ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom (mhux kollha għamlu dan fl-ewwel FRMPs tagħhom). Pereżempju, l-analiżi tindika li l-biċċa l-kbira tal-miżuri ġew ikklassifikati fit-tliet kategoriji tal-ogħla prijorità (għolja, għolja ħafna u kritika), jiġifieri 50 % jew aktar tal-miżuri fi 13-il Stat Membru (mill-21 analizzati) jaqgħu f'waħda minn dawn il-kategoriji. B'kuntrast ma' dan, ħafna inqas Stati Membri rappurtaw ishma sinifikanti ta' miżuri fiż-żewġ kategoriji ta' prijorità l-aktar baxxi (medji u baxxi). Fit-tranżizzjoni mill-ewwel għat-tieni FRMPs, kien hemm ċaqliq 'l isfel żgħir fl-urġenza tal-miżuri madwar l-Istati Membri, minn prijorità kritika għal prijorità għolja ħafna u minn prijorità għolja ħafna għal prijorità għolja. Kien hemm ukoll xi bidliet 'il fuq fl-urġenza, prinċipalment minn prijorità baxxa u moderata għal prijorità għolja. 15 mill-21 Stat Membru għamlu xi analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri tagħhom għalkemm ftit użawha biex jiprijoritizzawhom. Minħabba li l-proporzjon tal-Istati

⁸² Miżuri li ma jinvolvux strutturi ta' inġinerija ċivili, bħas-sensibilizzazzjoni, l-iżgurar ta' sistemi ta' twissija bikrija, pjanijiet ta' prevenzjoni u rispons għal diżastri u ppjanar spazjali.

Membri li jużaw l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji huwa bejn wieħed u ieħor l-istess bħal fiċ-ċiklu preċedenti, il-progress huwa prinċipalment relatat mal-metodoloġiji mtejba applikati f'xi Stati Membri.

Elementi indispensibbli tal-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar huma sistemi affidabbli ta' tbassir u ta' twissija bikrija biex jiġu attivati minnufih miżuri ta' protezzjoni ċivili, flimkien ma' kapaċità ta' rispons b'saħħitha matul u wara tali avvenimenti. Il-Kummissjoni qed tappoġġa lill-Istati Membri permezz ta' azzjoni f'dan il-qasam fil-livell tal-UE, inkluż permezz tas-Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar ta' Copernicus li tappoġġa miżuri preparatorji qabel u matul avvenimenti kbar ta' għargħar⁸³. Is-servizz ta' mmappjar rapidu ta' Copernicus jipprovdi forniment fuq talba u rapidu (fi żmien sigħat jew jiem) ta' informazzjoni ġeospazjali, li jappoġġa attivitajiet ta' ġestjoni ta' emerġenza qabel, matul u immedjatament wara diżastru. Ladarba jseħħ diżastru, l-Istati Membri jistgħu jitolbu l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, li saħħaħ sostanzjalment il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi dwar il-protezzjoni ċivili u tejjeb il-prevenzjoni, it-tnejjija u r-rispons għad-diżastri⁸⁴, pereżempju, billi żviluppa għanijiet ta' reżiljenza għad-diżastri⁸⁵. Il-Kummissjoni qed thegġegħ l-adozzjoni tas-servizzi ta' ġestjoni ta' emerġenza ta' Copernicus, u qed tippromwovi l-kondiviżjoni tat-tagħlimiet meħuda u tal-aħjar Prattiki fost l-Istati Membri, speċjalment wara avvenimenti kbar ta' għargħar.

7. L-IŻGURAR TAS-SOLIDITÀ SOĊJOEKONOMIKA

Minħabba l-progress limitat biex jintlaħaq stat tajjeb, maġġoranza kbira tal-korpi tal-ilma huma koperti minn diversi **eżenzjonijiet** stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-WFD⁸⁶. Ta' min isemmi li l-għadd ta' eżenzjonijiet relatati mal-Artikoli 4(4) u 4(5) tad-WFD żdied. Il-ġustifikazzjonijiet għal tali eżenzjonijiet ġeneralment tjebeu f'termini tal-issodisfar tar-rekwiżiti tad-WFD biex ikunu bbażati fuq kriterji xierqa, evidenti u trasparenti. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha jipprovdu informazzjoni dettaljata biżżejjed fil-livell tal-korp tal-ilma affettwat u madwar nofs l-Istati Membri vvalutati biss jipprovdu biżżejjed dettalji fl-RBMPs kollha.

⁸³ Is-Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar hija l-ewwel sistema Ewropea operazzjonali li timmonitorja u tbassar l-għargħar madwar l-Ewropa. Din tappoġġa miżuri preparatorji qabel u matul avvenimenti kbar ta' għargħar. Din tipprovdi informazzjoni komplementari u ta' valur miżjud lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali rilevanti. Is-Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar iżżomm ukoll liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza infurmat f'każ ta' avvenimenti ta' għargħar għaddejjin u li possibbilment se jseħħu madwar l-Ewropa. Reċentement, is-Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar v5.0 introduċiet diversi bidliet kbar fis-sistema, inkluża riżoluzzjoni spazjali ogħla.

⁸⁴ Ir-Rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili II-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju tad-diżastru fl-Ewropa [12.3.2024 COM\(2024\)130](#) u [SWD\(2024\)130](#).

⁸⁵ https://civil-protection-humanitarian-aid.ec.europa.eu/document/download/7b124199-d4d7-43fe-b852-8cee69674d19_en

⁸⁶ L-Artikolu 4(4) jippermetti estensjoni tal-iskadenza għall-kisba ta' stat jew potenzjal tajjeb lil hinn mill-2015 (kif stabbilit mill-Artikolu 4(1)). L-Artikolu 4(5) jippermetti l-kisba ta' objettivi inqas stretti. L-Artikolu 4(6) jippermetti deterjorament temporanju fl-istat tal-korpi tal-ilma. L-Artikolu 4(7) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom id-deterjorament tal-istat jew in-nuqqas li jintlaħqu l-objettivi tad-WFD jista' jiġi permess għal modifiki ġodda fil-karatteristiċi fiżiċi tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ, alterazzjonijiet għal-livell tal-ilma ta' taħt l-art u deterjorament minn stat għoli għal stat tajjeb bħala riżultat ta' attivitajiet ġodda ta' żvilupp sostenibbli tal-bniedem.

F'konformità mal-Artikoli 9 u 11 tad-WFD u l-Anness III tagħha⁸⁷, l-aġġornament u r-rappurtar tal-**analiżi ekonomika tal-ilma** u l-użu relatat tal-**istrumenti għall-irkupru tal-kostijiet**, inkluż l-ipprezzar tal-ilma, qed isiru prattika aktar stabbilita fl-RBMPs. Madankollu, ir-rappurtar spiss ma jagħmilx rabtiet ċari mal-isfidi u l-iżviluppi ewlenin fid-distrett tal-baċin tax-xmara. Għalhekk, mhuwiex ċar kif l-analiżi ekonomika infurmat l-għażliet dwar l-irkupru tal-kostijiet, l-ipprezzar u b'mod aktar ġenerali t-fassil tal-PoMs. Pereżempju, ir-rappurtar dwar is-servizzi tal-ilma ma jipprovdux wisq dettall. Ħafna mill-RBMPs tipikament jirrapportaw dwar iż-żewġ servizzi tal-ilma definiti b'mod wiesa', jiġifieri l-provvista tal-ilma tax-xorb u s-servizzi sanitarji; għalhekk, għandhom it-tendenza li ma jirrikonossux u ma jiddiskutux is-servizzi individwali tal-ilma li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji jew li huma direttament marbuta magħhom, bħall-ħżin u l-użu mill-ġdid tal-ilma. Dan jagħmilha diffiċli li jkun hemm fehim komplut biżżejjed tal-użu tal-ilma fil-pajjiż, inkluż is-sinifikat ekonomiku tagħhom u l-potenzjal għall-irkupru tal-kostijiet, u l-persjonijiet li jqiegħdu fuq il-korpi tal-ilma.

Barra minn hekk, meta mqabbla mal-elementi meħtieġa skont l-Artikolu 9 tad-WFD, għad hemm xi lakuni kbar fl-implimentazzjoni, b'mod partikolari dawk elenkati hawn taħt.

- Il-valutazzjoni ta' jekk il-politiki eżistenti tal-ipprezzar jipprovdux "inċentivi adegwati" għal użu aktar effiċjenti tal-ilma.
- Il-valutazzjoni tal-kostijiet ambjentali u tar-riżorsi u l-inklużjoni tagħhom fl-arranġamenti għall-irkupru tal-kostijiet.
- Il-valutazzjoni ta' jekk l-użu tal-ilma u s-setturi ewlenin tal-utenti tal-ilma (inklużi l-agrikoltura, l-industrija u l-unitajiet domestiċi) jipprovdux "kontribuzzjoni adegwata" għall-kostijiet tal-forniment ta' servizzi tal-ilma f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Id-data rrapportata spiss ma jkollhiex dettalji dwar il-kostijiet ambjentali u tar-riżorsi kif ukoll dwar l-użu tal-ilma li jeżerċitaw l-aktar persjonijiet sinifikanti tal-kostijiet fuq is-servizzi ewlenin tal-ilma (jiġifieri l-provvista tal-ilma u s-sanitazzjoni).

Aktar investimenti huma essenzjali biex jintlaħqu l-oġġettivi tad-WFD u biex is-soċjetajiet tal-UE jsiru aktar reżiljenti għall-ilma. Għall-Istati Membri li ppreżentaw rapporti b'mod elettroniku, xi informazzjoni dwar il-ħtiġijiet ta' finanzjament għad-WFD hija disponibbli u turi li ta' spiss tkun meħtieġa żieda fil-finanzjament biex jimplimentaw il-miżuri tagħhom. Dan ikun jinkludi kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali tal-UE. Madankollu, l-informazzjoni hija jew mhux kompluta, kontradittorja jew saħansitra nieqsa għal xi wħud mir-rapporti elettroniċi (jiġifieri l-Estonja, il-Latvja u n-Netherlands). Għall-10 Stati Membri li għalihom hemm informazzjoni disponibbli, il-ħtiġijiet kumulattivi ta' finanzjament bejn l-2022 u l-2027 huma kkalkulati għal EUR 89,4 biljun (madwar EUR 15-il biljun fis-sena) iżda, minħabba l-limitazzjonijiet tad-data, dan x'aktarx li jkun sottovalutazzjoni.

Fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-implimentazzjoni tal-FRMPs, 16-il Stat Membru (meta mqabbla mal-10 fl-ewwel FRMPs) ipprovdew xi informazzjoni dwar il-kost stmat tal-miżuri. Dan jammonta għal madwar EUR 35 biljun bejn l-2022 u l-2027 (madwar

⁸⁷ L-Anness III tad-WFD jistipula li l-analiżi ekonomika għandu jkun fiha biżżejjed informazzjoni f'dettall suffiċjenti biex tiddeskrivi u tiġġustifika l-arranġamenti għall-irkupru tal-kostijiet għas-servizzi tal-ilma u l-obbligi relatati (l-Artikolu 9). L-analiżi għandha tkun tista' tgħin ukoll fl-iġġudikar tal-aktar kombinazzjoni kosteffettiva ta' miżuri fir-rigward tal-użu tal-ilma li għandhom jiġu inklużi fil-programm ta' miżuri, PoMs (l-Artikolu 11).

EUR 6 biljun fis-sena) għalkemm dan x'aktarx ikun sottovalutazzjoni. L-informazzjoni pprovduta varjat b'mod sinifikanti fl-ambitu u fid-dettall u spiss ma kinitx tkopri l-miżuri kollha anki fi ħdan Stat Membru partikolari.

Filwaqt li hija pprovduta informazzjoni limitata f'ħafna mill-RBMPs, ta' min jinnota li l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE inklużi l-Politika Agrikola Komuni, il-Politika ta' Koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kellhom rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RBMP u tal-FRMP fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni permezz tal-programm Orizzont Ewropa qed tipprovdi appoġġ estensiv għar-riċerka biex jingħalqu l-lakuni fl-għarfien u jiġi promoss l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi, inkluż permezz tal-Missjoni dwar l-Oċeani u l-Ilma Ħelu. Fl-aħħar nett, permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Kummissjoni qed tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fit-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' riformi fil-politika dwar l-ilma.

Madankollu, l-analiżi turi – għall-UE kollha kemm hi – li hemm nuqqas li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' investment annwali, li huma stmata għal EUR 77 biljun fis-sena, b'diskrepanza fil-finanzjament li bħalissa hija stmata għal madwar EUR 25 biljun fis-sena⁸⁸. Dan l-ammont huwa fil-biċċa l-kbira bbażat fuq il-provvista tal-ilma u l-ħtiġijiet tas-sanitazzjoni, filwaqt li l-kostijiet għal miżuri oħra relatati mal-implimentazzjoni tad-WFD u d-DQ jistgħu ma jiġux riflessi bis-sħiħ. Sfortunatament, għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-RBMPs ma fihomx skeda ċara ta' investment li tqis il-previżjonijiet fit-tul tal-provvista u d-domanda tal-ilma bbażati fuq l-aħħar xenarji klimatiċi u strateġiji ta' adattament. B'mod aktar ġenerali, l-analiżijiet ekonomiċi rrappurtati ma jurux b'mod ċar kif il-valutazzjonijiet tal-kosteffettività infurmaw l-għażla tal-miżuri fil-PoMs (li idealment għandhom jinkludu ħafna aktar miżuri ta' investment). Aktar progress fis-sostenn ekonomiku tal-PoMs jiffaċilita bil-kbir id-deċiżjonijiet u l-investimenti relatati mal-ilma.

8. IL-KOOPERAZZJONI TRANSKONFINALI SKONT ID-WFD U L-FD

Għall-baċini tax-xmajjar li jaqsmu l-fruntieri nazzjonali, id-WFD tirrikjedi li l-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom u jagħmlu wkoll sforzi raġonevoli ma' pajjiżi mhux tal-UE fejn rilevanti. L-analiżi turi li, filwaqt li l-grad ta' kooperazzjoni jvarja, hemm qafas istituzzjonali stabbli fis-seħħ għal mekkaniżmi ta' koordinazzjoni transkonfinali f'distretti internazzjonali differenti tal-baċini tax-xmajjar (iRBDs, international river basin districts)⁸⁹. Hemm ftit eżempji ta' arranġamenti eżistenti li ġew "aġġornati" aktar, meta mqabbla maċ-ċiklu preċedenti.

Ġew żviluppati RBMPs internazzjonali (iRBMPs) għall-akbar iRBDs u jipprovdu l-qafas għall-kooperazzjoni fost l-Istati Membri. Oqfsa bħal dawn jiffukaw fuq il-kondiviżjoni tad-data, il-monitoraġġ konġunt u l-proġetti ta' riċerka, il-koordinazzjoni konġunta dwar il-valutazzjoni tal-istat, l-indikaturi prijoritarji rilevanti u l-valuri ta' limitu miftiehma. Din il-kooperazzjoni dwar l-indikaturi u l-valuri ta' limitu, madankollu, ma timplikax konverġenza

⁸⁸ DG Ambjent, Ħtiġijiet ta' investment ambjentali, finanzjament u lakuni fl-EU-27 – aġġornament 2024 (analiżi interna). Innota li r-Rapport dwar l-Implimentazzjoni Ambjentali li jmiss ippjanat għar-rebbiegħa tal-2025 se jinkludi aktar informazzjoni pubblika u aġġornamenti dwar is-suġġett.

⁸⁹ Ftehimiet internazzjonali huma fis-seħħ għall-biċċa l-kbira tal-iRBDs u spiss jistabbilixxu korp ta' koordinazzjoni internazzjonali u, inqas ta' spiss, RBMP konġunt. Ftit baċini biss fl-UE ma għandhom l-ebda wieħed minn dawn.

sħiħa dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni fost il-pajjiżi differenti li jikkondividu l-baċini tax-xmajjar.

Ħlief għall-iRBMP tad-Danubju li jistabbilixxi miżuri ta' rilevanza internazzjonali, l-iRBMPs l-oħra essenzjalment jiġbru l-miżuri nazzjonali mfassla minn kull Stat Membru; għalhekk, mhuwiex ċar sa liema punt tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-miżuri meħuda minn pajjiżi upstream u downstream. Pereżempju, ġew installati passaġġi għall-ħut fil-partijiet upstream tar-Renu, iżda miżuri simili għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ downstream, u dan ixekkel l-effettività tal-miżuri upstream. Bl-istess mod, fil-każ ta' tnaqqis fit-tagħbija ta' nutrijenti, hemm nuqqas ġenerali ta' kunsiderazzjoni tal-kontribuzzjoni upstream meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-istat tajjeb għall-korpi tal-ilma downstream, b'mod partikolari għall-ilmijiet kostali u tranżizzjonali li huma l-aktar sensittivi għan-nutrijenti.

Ta' min jinnota bi tħassib li l-kooperazzjoni transkonfinali dwar l-ilmijiet ta' taħt l-art hija limitata ħafna. Ħafna iRBDs ma identifkawx ilmijiet ta' taħt l-art transfruntiera; għalhekk, id-delineazzjoni u l-karatterizzazzjoni tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art jitwettqu minn kull pajjiż individwalment. Fejn jiġu identifikati akwiferi transkonfinali (eż. Scheldt, Vistula, Elbe u Danubju), il-karatterizzazzjoni titħalla għal diskussjonijiet bilaterali. Hemm ukoll kooperazzjoni limitata dwar il-monitoraġġ tal-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi għall-valutazzjoni tal-istat tal-ilmijiet ta' taħt l-art.

Filwaqt li l-isfidi tan-nixfa u l-iskarsezza tal-ilma qed isiru dejjem aktar urġenti madwar l-UE, l-aspetti kwantitattivi tal-ġestjoni tal-ilma x'aktarx li jsiru aktar importanti fil-kuntest tal-iRBDs. B'xi eċċezzjonijiet, bħall-Konvenzjoni ta' Albufeira bejn il-Portugall u Spanja, il-kooperazzjoni fl-iRBDs dwar l-indirizzar tal-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa sa issa hija limitata u għandha tiġi mħeġġa aktar.

Il-proċedura tal-Artikolu 12 tad-WFD għal **kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu ttrattati fil-livell tal-Istati Membri** ġiet invokata darba mir-rapport preċedenti. Fl-2019, iċ-Ċekja qajmet tħassib dwar it-tnaqqis tal-livelli tal-ilma ta' taħt l-art bħala riżultat tal-impatti transfruntiera tal-minjiera ta' Turow fil-Polonja. Il-proċedura twaqqfet fi Frar 2022 wara ftehim bejn il-Polonja u iċ-Ċekja fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (li kienet issospendiet il-proċedura skont l-Artikolu 12 innifsu).

Għalkemm mhux direttament marbut mal-attivazzjoni tal-Artikolu 12, id-diżastru tax-Xmara Oder, wieħed mill-akbar diżastri ekoloġiċi fl-Ewropa fil-memorja reċenti, li wassal għal qerda massiva tal-ħut f'Lulju u Awwissu 2022, wera l-konsegwenzi ta' komunikazzjoni inadegwata bejn il-pajjiżi ġirien u bejn dawn u l-Kummissjoni Ewropea. L-inċident enfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni transkonfinali effettiva biex jiġi żgurat rispons f'waqtu u adegwat għal diżastri bħal dawn. Il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ u għarfien espert mill-bidu nett u pproduċiet, f'kooperazzjoni mal-EEA, rapport li analizza l-kawża tad-diżastru u stabbilixxa rakkomandazzjonijiet ewlenin għall-prevenzjoni ta' diżastri ekoloġiċi futuri fix-xmajjar tal-UE⁹⁰.

Id-Direttiva dwar l-Għargħar, bħad-WFD, tirrikjedi li l-Istati Membri jikkoordinaw l-isforzi tagħhom fi ħdan il-baċini tax-xmajjar transfruntiera, inkluż ma' pajjiżi mhux tal-UE. Meta kien hemm organizzazzjonijiet ta' koordinazzjoni madwar il-baċin kollu, l-iżvilupp ta' FRMP internazzjonali b'mod invarjabbli wassal għall-istabbiliment ta' oġettivi komuni u ta' livell

⁹⁰ <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC132271>

għoli u, kważi fil-każijiet kollha, għat-tfassil ta' għadd ta' miżuri kkoordinati u komuni⁹¹. Fi hndan dawk l-organizzazzjonijiet tal-baċini tax-xmajjar, gruppi ta' ħidma ddedikati jsegwu l-implimentazzjoni tal-FRMPs internazzjonali fil-livell nazzjonali. Saru konsultazzjonijiet pubbliċi estensivi dwar xi wħud mill-baċini, bħad-Danubju u r-Renu. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' strateġiji ta' adattament għat-tibdil fil-klima fil-livell tal-baċini b'rabtiet diretti mal-FD hija sinifikanti f'dawn l-isforzi⁹².

9. KONKLUŻJONIJIET U ASPETTATIVI

B'mod ġenerali, il-valutazzjoni turi li l-għarfien u l-monitoraġġ tal-korpi tal-ilma tal-UE tjiebu b'mod sinifikanti meta mqabbla maċ-ċiklu preċedenti. Sfortunatament, l-istat tal-korpi tal-ilma tal-UE naqas milli jitjeb b'mod sinifikanti meta wieħed iħares lejn iċ-ċifri aggregati. Jidher ċar li hemm tnaqqis pożittiv f'ċerti pressjonijiet fejn l-Istati Membri żiedu n-nefqa tagħhom fuq l-ilma jew għamlu progress sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni rilevanti oħra⁹³. Għall-korpi tal-ilma ta' taħt l-art, maġġoranza kbira għandha stat kwantitattiv u kimiku tajjeb b'xejra pożittiva mill-aħħar ċiklu ta' rappurtar.

B'kuntrast ma' dan, l-ilmijiet tal-wiċċ jinsabu f'sitwazzjoni kritika ħafna. Inqas minn nofs (39,5 %) il-korpi tal-ilma tal-wiċċ tal-UE vvalutati jinsabu fi stat ekoloġiku tajjeb, u inqas minn terz (26,8 %) huma fi stat kimiku tajjeb. Hemm diversi raġunijiet għal dan. Għas-sustanzi kimiċi, xi xejriet pożittivi huma moħbija minn kontaminazzjoni storika u mifruxa tal-merkurju u ta' sustanzi niġġiesa oħra li jinsabu kullimkien, bjoakkumulattivi u tossiċi jew ingħataw inqas importanza minn sfidi emerġenti ġodda ta' tniġġis. Għall-istat ekoloġiku, kien hemm xi titjib f'ċerti elementi ta' kwalità bijoloġiċi. Madankollu, ix-xmajjar, il-lagi u l-ilmijiet kostali tal-UE għadhom soġġetti għal pressjonijiet sinifikanti u, anke meta jittieħdu miżuri effettivi, il-progress jista' ma jkunx viżibbli malajr meta jsir il-monitoraġġ peress li n-natura teħtieġ biżżejjed żmien biex tirkupra. It-tnaqqis fil-korpi tal-ilma bi "stat mhux magħruf" huwa inkoraġġanti, iżda hemm sfidi ġodda relatati mal-komparabbiltà tad-data, li xxekkel il-valutazzjonijiet oġġettivi. Dan kollu jeħtieġ riflessjonijiet dwar kif jistgħu jittejbu l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data.

Minkejja dawn il-kwistjonijiet ta' data, għad fadal ħafna xi jsir biex jintlaħqu bis-sħiħ l-oġġettivi tad-WFD u d-direttivi relatati. Ir-responsabbiltà hija primarjament tal-Istati Membri, li jeħtieġ li jgħollu l-livell ta' ambizzjoni u jaċċelleraw l-azzjoni.

Diġà huwa ċar mill-previżjonijiet tal-Istati Membri li konformità sħiħa mal-oġġettivi tad-WFD sal-2027 mhux se tinkiseb mal-programm ta' miżuri stabbilit fit-tielet RBMPs.

Peress li l-possibbiltajiet ta' eżenzjonijiet huma limitati, l-indirizzar tad-diskrepanzi sinifikanti fil-finanzjament u l-integrazzjoni aħjar tal-ilma f'politiki rilevanti oħra se jkun partikolarment kruċjali. Diversi miżuri miftiehma skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew (eż. id-Direttivi riveduti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi) jistgħu jgħinu biex isir progress rapidu jekk jiġu implimentati kmieni. Huwa inkwetanti li diversi Stati Membri diġà indikaw li beħsiebhom jagħmlu użu estensiv mill-eżenzjonijiet fl-2027, jew billi japplikaw oġġettivi ambjentali inqas stretti jew billi jestendu l-iskadenza. Il-

⁹¹ Bħall-kondiviżjoni ta' data idroloġika, l-iskambju ta' Prattiki nazzjonali dwar l-għargħar pluvjali u t-tweġġiq ta' studji dwar it-titjib tat-tbassir tal-għargħar madwar il-baċin, għall-kuntrarju ta', pereżempju, imbankmenti tal-bini għall-protezzjoni mill-għargħar.

⁹² L-istrateġija għar-Renu tmur lura għall-2015 u l-istrateġija għad-Danubju tmur lura għall-2018.

⁹³ Dan jikkonċerna b'mod partikolari d-Direttivi dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, in-Nitrati u l-Emissjonijiet Industrijali u l-liġi tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi.

Kummissjoni se tkompli wkoll tinvolvi ruħha b'mod proattiv mal-koleġiżlaturi biex issaħħaħ il-miżuri biex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ilma, inkluż billi tagħti aktar attenzjoni lil sustanzi niġġiesa emerġenti ġodda, eż. il-PFAS, il-mikroplastiks u l-farmaċewtiċi.

Fir-rigward tad-Direttiva dwar l-Għargħar, l-Istati Membri bnew fuq l-esperjenza tagħhom mill-ewwel ċiklu u għamlu bidliet inkrementali fl-approċċi tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar. Tliet żviluppi jispikkaw: (a) żieda sinifikanti fil-livell tal-UE fl-għadd ta' żoni identifikati bħala li għandhom riskju ta' għargħar potenzjalment sinifikanti; (b) l-adozzjoni, minn kważi l-Istati Membri kollha, ta' viewers tal-internet ibbażati fuq il-GIS biex jipubblikaw il-mapep tagħhom dwar il-periklu u r-riskju ta' għargħar, li jagħmluhom ħafna aktar aċċessibbli; u (c) titjib fil-mod kif jiġi kkunsidrat it-tibdil fil-klima, eż. permezz ta' mmudellar u xenarji. Biex ikomplu l-progress fit-tnaqqis tal-effetti negattivi potenzjali ta' għargħar kbir, l-Istati Membri se jkollhom jagħmlu sforzi sostnuti biex itejbu l-kapaċità tal-ippjanar, b'mod partikolari f'termini ta' monitoraġġ aħjar tal-progress biex jilhqqu l-oġettivi tagħhom li jnaqqsu r-riskji ta' għargħar. Jeħtieġ ukoll li jippjanaw u jimplementaw miżuri li se jgħinu biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet klimatiċi futuri, fost l-oħrajn billi jżidu (jew jirrestawraw) iż-żamma tal-ilma naturali, fost l-oħrajn billi jirrestawraw u joħolqu konnessjoni mill-ġdid bejn il-pjanuri tal-għargħar, kif ukoll jiżguraw li l-miżuri għall-prevenzjoni tal-għargħar ikunu dimensjonati f'kundizzjonijiet futuri tal-għargħar. Jeħtieġ ukoll li jiżguraw riżorsi adegwati biex jimplementaw b'mod effettiv l-FRMPs.

F'dan ir-rapport u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjawh, il-Kummissjoni toħroġ xi rakkomandazzjonijiet ġenerali u speċifiċi għall-pajjiż dwar kif l-Istati Membri jistgħu jagħmlu aktar progress fl-implimentazzjoni aħjar kemm tad-WFD kif ukoll tal-FD, u b'hekk jgħinu biex tingħata spinta lir-reżiljenza tal-ilma tal-UE.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet se jkunu l-bażi għal djalogu strutturat mal-Istati Membri li l-Kummissjoni se tnedi malajr. Dawn id-djalogi se jippermettu li tiġi żgurata implimentazzjoni aħjar u, fejn xieraq, infurzar aħjar tar-rekwiżiti skont id-WFD u l-FD f'koordinazzjoni mill-qrib mal-isforzi ta' infurzar li jkopru pressjonijiet ewlenin fuq l-ambjent akkwatiku.

Flimkien mat-tkomplija tal-ħidma mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se taħdem mal-pubbliku u mal-partijiet ikkonċernati kollha biex tippromwovi l-konformità. Dan se jiġi rifless ukoll fir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali li jmiss fl-2025.

Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-EEA, se tiġbor it-tagħlimiet meħuda minn dan l-eżerċizzju ta' rappurtar u se tidentifika opportunitajiet biex tissimplifika u tnaqqas il-piż amministrattiv u ttejjeb il-ġestjoni tad-data, b'mod partikolari l-komparabbiltà tad-data, filwaqt li ttejjeb l-effiċjenza tal-pjattaforma elettronika ta' rappurtar.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom billi tiffaċilita l-użu ta' finanzjament disponibbli u futur, issaħħaħ id-disponibbiltà ta' data, informazzjoni u għarfien rilevanti kif ukoll l-iskambju ta' Prattiki tajba bħala parti mill-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni.

Is-sejbiet ta' din il-valutazzjoni se jikkontribwixxu wkoll għat-tnejjija tal-Istrateġija mħabbra għar-Reżiljenza tal-Ilma.

10. RAKKOMANDEZZJONIJIET

Għalkemm ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż huma pprovduti fil-valutazzjonijiet tal-pajjiżi individwali, ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti hawn taħt huma rilevanti għall-Istati Membri kollha tal-UE.

ID-DIRETTIVA QAFAS DWAR L-ILMA

1. L-Istati Membri kollha għandhom iżidu **l-livell ta' ambizzjoni tagħhom u jaċċelleraw l-azzjoni biex inaqqsu d-distakk fil-konformità** kemm jista' jkun sal-2027. Dan jimplika:
 - a. **l-iżvilupp ta' programmi ta' miżuri aktar robusti** bbażati fuq valutazzjoni aktar ċara tad-distakk li għandu jitnaqqas biex jintlaħaq stat tajjeb u prijoritizzazzjoni aktar ċara tal-miżuri;
 - b. **l-indirizzar deċiżiv tal-ostakli strutturali identifikati fl-implimentazzjoni tal-miżuri**, bħall-kapaċità u r-riżorsi amministrattivi insuffiċjenti;
 - c. **it-tisħiħ tal-governanza** billi jittejbu **l-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-koordinazzjoni bejn il-livelli amministrattivi differenti u l-awtoritajiet** li jitttrattaw l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni rilevanti oħra tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Għargħar, Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u d-Direttiva dwar in-Nitrati;
 - d. l-iżgurar ta' konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tad-WFD dwar **ir-rieżami perjodiku tal-permessi/kontrolli** għall-attivitajiet kollha li għandhom impatt fuq il-korpi tal-ilma (inklużi l-estrazzjoni, is-sekwestru, l-iskariki) u **reġimi ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati**; il-kunsiderazzjoni, fejn applikabbli, ta' reviżjonijiet għall-eżenzjonijiet eżistenti ta' estrazzjonijiet żgħar mir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni u ta' permessi, sabiex l-impatti kumulattivi jiġu ġestiti aħjar.
2. Lstati Membri kollha għandhom **iżidu l-investment u jiżguraw finanzjament adegwat biex jimplimentaw b'mod effettiv il-PoMs** biex jintlaħqu l-oġettivi. Dan jinvolvi b'mod partikolari:
 - a. l-iżvilupp ta' **pjanijiet ta' investment fit-tul** u l-identifikazzjoni ċara tas-sors ta' finanzjament għal kull miżura, inkluż l-użu effettiv tal-finanzjament tal-UE pprovdut permezz tal-Politika Agrikola Komuni, il-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027 u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
 - b. it-tisħiħ tal-isforzi biex jiġi applikat bis-sħiħ il-**prinċipju tal-irkupru tal-kostijiet** għas-servizzi tal-ilma sabiex l-utenti ewlenin kollha tal-ilma u s-setturi tal-użu tal-ilma jipprovdut kontribuzzjoni adegwata għall-kostijiet tas-servizzi tal-ilma;
 - c. użu aħjar u usa' tal-**"prinċipju ta' min iniġġes iħallas"**, l-eliminazzjoni ta' sussidji ambjentali dannużi u l-iżgurar ta' **mekkaniżmi ta' pprezzar affordabbli, ġusti u ekwi** għall-utenti **kollha** tal-ilma f'konformità mal-Artikolu 9 tad-WFD.
3. L-Istati Membri kollha għandhom jistabbilixxu **miżuri addizzjonali biex inaqqsu l-isfidi ambjentali persistenti eżistenti (pressjonijiet)** abbażi ta' analiżijiet robusti tal-lakuni.
Dan jinkludi:
 - a. **it-tisħiħ tal-azzjoni biex jitnaqqas it-tniġġis min-nutrijenti**, inkluż billi jiġu stabbiliti u jinkisbu tagħbijiet massimi ta' nutrijenti fid-distretti kollha tal-baċini tax-xmajjar, f'konformità mhux biss mad-WFD iżda wkoll mad-Direttiva MSFD u dwar in-Nitrati;
 - b. **It-tisħiħ tal-miżuri kontra t-tniġġis mill-pestiċidi** billi jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi kimiċi, il-promozzjoni tal-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara u prattiki aktar sostenibbli (eż. il-biedja ta' preċiżjoni), l-istabbiliment u l-kisba

ta' tagħbijiet massimi ta' pestiċidi kimiċi fid-distretti kollha tal-baċini tax-xmajjar u l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet aktar stretti f'żoni protetti għall-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb;

- c. **it-tnaqqis** ulterjuri **ta' sors lokalizzati tat-tniġġis** biex jiġu indirizzati n-nutrijenti, is-sustanzi prijoritarji u s-sustanzi niġġiesa speċifiċi għax-xmajjar, eż. billi jiġu rieżaminati l-permessi eżistenti għall-emissjonijiet minn sors lokalizzati biex jitnaqqsu t-tagħbijiet ta' sustanzi niġġiesa jew jiġu introdotti obbligi biex jiġu sospiżi jew limitati temporanjament l-iskariki f'emerġenzi, filwaqt li jitqiesu l-obbligi l-ġodda skont l-IED u l-UWWTD riveduti;
 - d. it-tiħiħ tal-isforzi relatati ma' **soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura**, inklużi n-naturalizzazzjoni mill-ġdid u r-restawr tal-ekosistema biex jitnaqqsu **l-pressjonijiet idromorfoloġiċi**;
 - e. iż-żieda fl-isforzi biex **tittejjeb il-kontinwità tax-xmajjar**, is-sitwazzjoni idroloġika ġenerali u l-protezzjoni tal-ispeċijiet akkwatiċi, inkluż għall-ispeċijiet migratorji;
 - f. **l-istabbiliment ta' flussi ekoloġiċi (jiġifieri l-livell tal-ilma li jrid jitħalla fil-korp tal-ilma biex l-ekosistema tiffunzjona sew)** għall-RBDs kollha u **l-applikazzjoni effettiva** tagħhom fid-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-ilma u l-ħruġ jew ir-rieżami perjodiku tal-permessi għall-estrazzjonijiet u għas-sekwestru f'konformità mal-Artikolu 11 tad-WFD.
 - g. l-inklużjoni b'mod aktar sistematiku tal-**ħtiġijiet tal-ilma tal-ekosistemi dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art** (kemm terrestri kif ukoll akkwatiċi) meta jiġi vvalutat l-istat kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art.
4. Fid-dawl tal-**iskarsezzi tal-ilma** esperjenzati madwar l-UE, l-Istati Membri għandhom:
- a. itejbu **l-azzjonijiet favur ir-reżistenza għall-klima** fil-PoMs u, fejn rilevanti, jiżviluppaw miżuri jew pjanijiet xierqa għal reżiljenza msaħħa;
 - b. **ifasslu jew itejbu** b'mod proattiv, **jaġġornaw u jimmonitorjaw regolarment bilanċi preċiżi tal-ilma għall-baċini tax-xmajjar kollha**, filwaqt li jqisu l-inputs u l-estrazzjonijiet kollha tal-ilma, it-telf naturali u l-ħtiġijiet tal-ekosistemi dipendenti fuq l-ilma; dan jinkludi żieda fil-monitoraġġ u l-kejl diretti tal-użu tal-ilma, aġġornament kontinwu tar-reġistri tal-estrazzjoni tal-ilma u spezzjoni tal-estrazzjonijiet tal-ilma mhux awtorizzati u illegali;
 - c. jieħdu miżuri effettivi biex jippromwovu **l-użu mill-ġdid, l-effiċjenza u ċ-ċirkolarità tal-ilma**, filwaqt li jimmassimizzaw l-użu ta' **soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura** għal ħżin tal-ilma aktar sostenibbli fil-ħamrija u fl-ekosistemi;
 - d. meta jipplanaw **digi u ġibjuni** ġodda, jivvalutaw bir-reqqa l-impatti ambjentali tagħhom, inkluż meta mqabbla mal-objettivi tad-WFD u jiżguraw li tali azzjonijiet ikunu parti mill-ġestjoni integrata tal-ilma u minn strateġiji koerenti għar-**reżiljenza tal-ilma**, li jinkludu l-kunsiderazzjoni xierqa ta' **xenarji klimatiċi fit-tul**.
5. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-WFD u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ilma, **l-Istati Membri għandhom ikomplu jtejjbu l-kooperazzjoni transkonfinali**, b'mod partikolari dwar:
- a. **id-delineazzjoni u l-karatterizzazzjoni** tal-korpi tal-ilma, **programmi ta' monitoraġġ konġunti jew koordinati u metodoloġiji ta' valutazzjoni tal-**

- istat** (eż. kundizzjonijiet ta' referenza maqbula b'mod komuni għall-elementi ta' kwalità bijoloġika u EQSs għas-sustanzi niġġiesa);
- b. **aspetti kwantitattivi** tal-ġestjoni tal-ilma permezz ta' mekkaniżmi u korpi ta' kooperazzjoni internazzjonali rilevanti.
6. Jekk l-oġġettivi tad-WFD ma jkunux jistgħu jintlaħqu għal korp tal-ilma speċifiku u jiġu invokati eżenzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jagħmlu dan f'konformità mal-**interpretazzjoni restrittiva** li tirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jipprovdu **ġustifikazzjonijiet dettaljati** biżżejjed, filwaqt li jiżguraw li **l-applikazzjoni tagħhom tiġi rieżaminata regolarment**. Dan jimplika:
- l-iżgurar li t-tnaqqis tal-oġġettivi (- l-Artikolu 4(5)- tad-WFD) — ikun **dokumentat u ġġustifikat sew**, b'mod partikolari fir-rigward tal-kostijiet sproporzjonati u n-nuqqas ta' fattibbiltà u meta jitqiesu n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni sal-lum, minflok ma ssir applikazzjoni għall-eżenzjoni bħala għażla prestabbilita għan-nuqqas li jintlaħqu l-oġġettivi sal-2027;
 - ir-rikonossiment li **l-possibbiltajiet għal estensjonijiet ta' żmien** (l-Artikolu 4(4) tad-WFD- **huma estremament limitati**;
 - l-għoti ta' informazzjoni ħafna aħjar dwar **l-eżenzjonijiet** għal proġetti ġodda skont l-Artikolu 4(7); dan jinkludi ġustifikazzjonijiet aħjar għall-użu ta' dawn l-eżenzjonijiet billi jingħataw dettalji dwar l-effetti kumulattivi, jiġu vvalutati għażliet alternattivi u aktar ekoloġiċi, u tingħata informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jittaffew l-effetti negattivi possibbli.
7. Dwar il-**monitoraġġ, il-valutazzjoni, il-ġestjoni tad-data u r-rappurtar, l-Istati Membri** għandhom:
- jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-EEA, **rappurtar elettroniku f'waqt u aktar komplut** għaċ-ċikli futuri, filwaqt li jsir użu aħjar mill-opportunitajiet li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni u l-osservazzjoni tad-dinja biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u tittejjeb il-preċiżjoni;
 - ikomplu **jtejbu l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data** billi jarmonizzaw il-metodi tal-ġbir tad-data fl-RBDs kollha dwar il-monitoraġġ, il-valutazzjonijiet, il-projezzjonijiet, eċċ. u jagħmlu d-data kollha disponibbli għall-pubbliku permezz tal-pubblikazzjoni f'waqtha tagħha f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttivi INSPIRE, dwar id-Data Miftuħa u dwar l-Infurmazzjoni tas-Settur Pubbliku (PSI, public sector information) u s-Settijiet ta' Data ta' Valur Għoli tas-settur pubbliku⁹⁴ u b'hekk jitnaqqas il-piż tar-rappurtar;
 - ikomplu **jsaħħu s-sistemi ta' monitoraġġ** biex jagħlqu l-lakuni kemm fil-kopertura ġeografika kif ukoll fil-parametri analizzati sabiex tiżdied **il-fiduċja fil-valutazzjonijiet tal-istat**, titnaqqas id-dipendenza fuq il-ġudizzju espert jew ir-raggruppament ta' korpi tal-ilma differenti, u titlesta l-ħidma fuq l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ta' referenza għat-tipi kollha ta' ilma;
 - jiżviluppaw metodoloġiji għal definizzjoni aktar armonizzata ta' **potenzjal ekoloġiku tajjeb** biex itejbu malajr l-istat tal-HMWBs u tal-AWBs.
8. **Jużaw** b'mod proattiv **il-politiki u l-istrumenti legali l-ġodda miftiehma fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew** biex iżidu l-isforzi ta' implimentazzjoni li huma ta' benefiċċju għad-WFD, b'enfasi fuq il-kobenefiċċji li jirriżultaw, fost l-oħrajn, mid-

⁹⁴ (Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138) li jistabbilixxi lista ta' settijiet ta' data speċifiċi ta' valur għoli u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tagħhom.

Direttiva riveduta dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, mid-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali u mil-Liġi l-ġdida dwar ir-Restawr tan-Natura.

ID-DIRETTIVA DWAR L-GĦARGĦAR

1. L-Istati Membri għandhom ikomplu jtejbu l-**mapep tagħhom tal-perikli u r-riskji ta' għargħar** (FHRMs), b'mod partikolari billi:
 - a. iqisu b'mod konsistenti u ċar iż-żoni tal-estrazzjoni tal-ilma, l-ilmijiet rikreattivi u ż-żoni tan-Natura 2000;
 - b. Iqisu aktar l-għargħar pluvjali, minħabba ż-żieda fil-frekwenza u l-intensità tal-preċipitazzjoni qawwija;
 - c. itejbu l-viewers FHRM ibbażati fuq il-GIS li jintegraw l-informazzjoni rilevanti kollha u li huma faċli biex jintużaw mill-pubbliku ġenerali.
2. L-Istati Membri għandhom ikomplu jagħmlu **aktar sforzi biex itejbu l-ippjanar tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar**, b'mod partikolari:
 - a. l-FRMPs futuri għandhom jipprovdu dettalji dwar kif l-FHRMs infurmaw l-għażla tal-obiettivi u tal-miżuri;
 - b. **l-obiettivi** tal-FRMP għandhom **ikunu speċifiċi, ikollhom skadenza** fejn possibbli u jkunu marbuta ma' **indikaturi kwantitattivi tal-progress**;
 - c. l-FRMPs għandhom jinkludu valutazzjoni tal-progress li jkun sar lejn l-ilħuq tal-obiettivi stabbiliti fl-FRMP preċedenti.
3. Sabiex tittejjeb l-**effettività tal-miżuri** meħuda, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm **rabta ċara bejn l-obiettivi tal-FRMP u l-miżuri tiegħu** u jipprovdu informazzjoni dwar il-**metodi użati biex il-miżuri jiġu prijoritizzati**. Fejn possibbli, għandha titwettaq **analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji** tal-miżuri u għandha titqies fil-prijoritizzazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-FRMP għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-kost totali tal-miżuri ppjanati.
4. L-FRMP għandu jistabbilixxi **l-metodi għall-monitoraġġ tal-progress** fl-implimentazzjoni konkreta tal-miżuri.
5. L-Istati Membri kollha għandhom jikkunsidraw **xenarji klimatiċi** futuri fl-FRMPs tagħhom.
6. L-Istati Membri kollha għandhom iżidu l-isforzi biex jimplimentaw Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-Natura b'mod aktar wiesa', jew waħedhom jew flimkien ma' infrastruttura tradizzjonali.
7. Minbarra l-investimenti għall-prevenzjoni u l-protezzjoni tal-għargħar, l-Istati Membri kollha għandhom jikkunsidraw il-kost tal-avvenimenti ta' għargħar fuq il-baġits pubbliċi; **l-assigurazzjoni** għandha titqies bħala għażla għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima.
8. Id-dispożizzjonijiet għall-**protezzjoni tal-wirt kulturali** mir-riskji ta' għargħar għandhom jiġu integrati b'mod sistematiku fl-FRMP.
9. Dwar il-**governanza**, l-Istati Membri kollha għandhom jistabbilixxu b'mod ċar fl-FRMPs tagħhom kif se sseħħ il-koordinazzjoni mad-WFD u jipprovdu dettalji dwar il-

konsultazzjoni pubblika u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, inkluż dwar kif tqiesu l-kummenti possibbli. Il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu mmirati li jdumu 6 xhur.